Nru 145 - April 2019 - b'xejn ma' L-ORIZZONT

# SPORTIV




## Suċċess għal Malta fil-kompetizzjonijiet ta' Special Olympics

**REGATTA** Bormla jiksbu double

**EURO 2020** Malta tirbaħ wara 12-il sena




BOV CARDS

AĦNA NISTGĦU NSAWRU
**L-FUTUR TAGĦHOM**

Ħallas permezz tal-Cashlink Cards tal-BOV matul ix-xahar ta' April 2019 u l-Bank of Valletta jagħti donazzjoni lil Caritas Malta ma' kull tranżazzjoni.

Aktar informazzjoni fuq **www.bov.com** jew ikkuntattjana fuq **2131 2020**.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju u s-servizz ta' investiment f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap.371 tal-Liġijiet ta' Malta).

Caritas MALTA

BOV Bank of Valletta

# EDITORJAL


**SPORTIV**

Magazin Sportiv ta' kull xahar

Ħarga Numru 145
APRIL 2019

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Stacy Sciberras
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Tonio Magro
Walter Sargent
Paul Zammit Cutajar
Joe Borg
Ian Aquilina
Alex Azzopardi
Wally Galea
Mario Micallef
Joe Borg





Suċċess għal Malta fil-kompetizzjonijiet ta' Special Olympics



Ninsabu fi tmiem tax-xahar ta' April u għal darba oħra qiegħed nerġgħu nwasslulkom edizzjoni oħra tal-magazine sportiv favorit tagħkom. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn is-suċċessi kbar li kellhom l-atleti Maltin fi ħdan Special Olympics barra minn xtutna, il-ħidma ta' SportMalta għall-iżvilupp tal-isport Malti, ir-rebħ tar-regatta ta' Jum il-Ħelsien min naħa ta' Bormla u l-aħħar impenji tat-team nazzjonali Malti tal-football. Ma tonsoqx ukoll informazzjoni dwar il-kampjonat BOV Premier u l-football tan-nisa.

L-aħħar xahar kien ukoll wieħed mimli attivitajiet fil-qasam tal-basketball, rugby, għawm, tiġrijiet taż-żwiemel u l-isport awtomobilistiku. Dawn ukoll qiegħed jiġu rrapportati f'din l-edizzjoni ta' Sportiv. Ma nonqsux ukoll milli nwasslulkom is-solitu intervisti ma' diversi sportivi u dan ix-xahar għandna wkoll tnejn interessanti ma' Gary Giordimaina li tant qiegħed jispikka fil-qasam tal-lotta u l-ex champion mondjali tal-powerboats Aaron Ciantar. F'din l-edizzjoni ssibu wkoll informazzjoni dwar l-isport f'Għawdex, kif ukoll ir-rubriki u l-kompetizzjonijiet l-oħra ta' kull xahar.

Dan kollu jagħmel il-magazine Sportiv l-għażla tagħkom. Ħajr dejjem imur lejn il-kollegi, kontributuri u fotografi ta' diversi entitajiet li jkomplu jagħmlu dan il-magazine aktar interessanti. Flimkien inkomplu naħdmu biex Sportiv...jibqa l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv Malti u Għawdxi.


*Kenneth Vella*
*kennethvella@hotmail.com*
*sportiv@unionprint.com.mt*



UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa.


Dan il-magażin jingħata b'xejn mal-ġurnal l-orizzont u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.



# SPORTIVI

## KONTENUT


06 - SportMalta
12 - Football
18 - Special Olympics
20 - Għawm Sinkronizzat
22 - Rugby
23 - Regatta Jum il-Ħelsien
24 - Intervista Gary Giordimaina
26 - Basketball
27 - Bowling
28 - Intervista Aaron Ciantar











31 – Żwiemel

32 – MEUSAC

34 – Gozo Sports

35 – ASMK

36 – Atletika

37 – Ibburdjar

38 – Bil-Qari u l-Kitba Niskorja

40 – Internazzjonali

44 – Storja tal-football

46 – Spot the ball u Tisliba





# Kulħadd għandu jkollu aċċess għall-Isport

## Dr Luciano Busuttil, Chairman SportMalta

**SportMalta, l-entita' li tagħti direzzjoni lill-isport f'Malta qed taħdem qatigħ biex tbiddel il-mod u l-mentalita' kif irridu nħarsu lejn l-isport biex għall-futur ikollna ġenerazzjoni sportiva rebbieħa. Luciano Busuttil Chairman ta' SportMalta jemmen li bi dritt kulħadd għandu jkollu aċċess għall-isport.**

**Kif tara kif SportMalta ġiet transformata mill-2013 sal-lum?**

Meta f'Ottubru 2013 il-Prim Ministru għoġbu jagħtini SportMalta, dak iż-żmien il-Kunsill Malti għall-iSport, bħala responsabbilita' wiċċi xegħel. Li tkun parti minn ħaġa kbira bħalma hu l-isport, u jkollok l-opportunita' li tagħti sehmek biex ittejjeb l-isport, hu unur u privileġġ. SportMalta dak iż-żmien ma kenitx fl-aqwa tagħha. Kien sar ħafna xogħol f'faċilitajiet imma pero' kienu saru ħafna wegħdi lill-klabbs u għaqdiet sportivi, u ma kienx hemm fondi biżżejjed. SportMalta kienet spiċċat is-sena finanzjarja tal-2013 b'telf ta' €1.3 miljun. Ridna nneħħu dan id-dejn u fl-istess ħin nibqgħu nkunu ta' assistenza finanzjarja lill-klabbs fil-bżonn. Il-ħaddiema kienu demotivati. Meta jkollok ħaddiema demotivati ma jista' jsir xejn. Għalhekk imbarkajna f'eżerċizzju iebes li nnaqqsu l-ħela u l-ispejjeż. Il-ħaddiema, għamlu sagrifiċċji kbar biex iqajmu lil SportMalta fuq saqajha, u kien grazzi għalihom immexxija mis-CEO Mark Cutajar, li s-sena ta' wara, SportMalta spiċċat is-sena finanzjarja b'surplus ta' €1.4 miljun.

**L-objettivi ta` SportMalta huwa inklużjoni u parteċipazzjoni fost oħrajn. Taħseb li qed jintlaħqu?**

Illum SportMalta hija entita' li biddlet lilha nnifisha biex minn kważi falliment, illum hija kapaċi tmexxi l-faċilitajiet sportivi kollha, tagħmel titjib strutturali fihom, tibni oħrajn ġodda u fuq kollox timla' dawn il-faċilitajiet bil-parteċipanti.

SportMalta toffri programmi għal kull sportiv bi prezzijiet li jilħaqhom kulħadd, proprju għaliex nemmnu li kulħadd għandu jkollu dritt għall-aċċess għall-isport. Il-mission statement tagħna hu proprju dak – li nċaqalqu nazzjon b'attivitajiet sportivi sabiex il-poplu tagħna jkollu ħajja aktar attiva u sana.

**SportMalta għamlet diversi kuntatti internazzjonali. Kemm qed jgħinu għal qabża fil-kwalita'?**

Hemm pero' objettiv nieqes minn dan il-mission statement. Li nippromwovu sport biex nirbħu u mhux biex nipparteċipaw biss. Huwa tajjeb li jkollna programmi sportivi mimlija daqs bajda, kull sena niksru r-rekords tagħna stess biċ-ċifri tal-parteċipanti. Huwa tajjeb li permezz tal-kuntatti internazzjonali li bnejna matul dawn l-aħħar sitt snin, ikollna aktar attivitajiet sportivi għal kulħadd u fuq kollox aktar opportunitajiet. Iżda nemmen li għadna lura biex pajjiżna jkun tassew sportiv. Għadna lura biex nibdlu l-mentalita' li l-isport huwa passatemp jew agħar minn hekk li jtellef mill-istudju akkademiku.



**Il-Prim Ministru kemm il-darba semma l-isport. Fl-opinjoni tiegħek Malta tista' tikseb riżultati aħjar?**

Biex nilqgħu l-isfida li għamel il-Prim Ministru u ċioé li nibdew nirbħu f'kompetizzjonijiet kbar, mhux biżżejjed nistrieħu fuq ir-rwol li għandha SportMalta li tiffinanzja lill-atleti, il-klabbs u l-Kumitat Olimpiku Malti u l-iSpecial Olympics Malta fost l-oħrajn permezz tal-assistenzi. Mhux biżżejjed li nibnu faċilitajiet ta' livell internazzjonali għall-atleti tagħna.

Biex nirbħu irridu nbiddlu s-sistema kif drajna ngħixu mill-qiegħ nett. Irridu nibdew mis-sistema edukattiva. Ma jistax ikun li uliedna jibqgħu f'sistema fejn ma jkollhomx ċans jitħarrġu, għax kuljum mifqugħin bil-homework jew meta jiġi tmiem il-ġimgħa jew xi btajjel, nimlewhom b'xogħol u proġetti tal-iskola li fl-aħħar mill-aħħar ma jwassluhom imkien. Inutli nistennew il-mirakli minn uliedna meta dawn flok iqattgħu ħin jittrenjaw, kif ilestu mill-homework, ikollhom imorru xi tliet darbiet fil-ġimgħa il-Muzew. L-isport għandu jkun parti mil-kurrikulu edukattiv u kull student għandu jagħżel sport qisu suġġett akkademiku, u flok nesaġeraw bix-xogħol tad-dar, inħallu lil uliedna jipprattikaw l-isport. Bħala ġenitur ta' żewġt itfal li huma mpenjati ħafna fl-isport, nara d-diffikulta' li jkollhom biex ilaħħqu mat-trejning u x-xogħol tal-iskola, u nispiċċaw bil-kemm ikollna ħin ta' kwalità bħala familja anki fil-btajjel. Jekk m'aħniex lesti li nitbiddlu biex inbiddlu s-sistema fossilizzata li drajna fiha għax uritniha min-nanniet tagħna, m'aħniex se nagħmlu dik il-qabża 'il quddiem fil-qasam sportiv.

**Kemm huwa importanti li SportMalta qed tieħu ħsieb b'mod dirett il-proġetti infrastrutturali tal-gvern?**

Dan huwa l-futur ta' SportMalta. Apparti li tkompli tikber b'aktar faċilitajiet sportivi ġodda u ta' livell internazzjonali, SportMalta għandha tkun il-mutur ta' din il-bidla fil-pajjiż. Mhux se tkun ħaġa faċli għax sfida bħal din tirrikjedi ħafna riżorsi finanzjarji. Irridu dawn ir-riżorsi sabiex immexxu din l-istrateġija dwar l-isport u nwettquha fil-prattika u mhux tibqa' strateġija oħra li tiġma t-trab fuq xi xkaffa ta' xi Ministeru.

**Fejn tara lil SportMalta fiż-żmien li ġej?**

SportMalta trid tikber ukoll fil-qasam regolatorju. Triq issir speċi ta' awtorita' sportiva li tara li kull għaqda sportiva qed tkun konformi mal-liġi tal-kummerċjalizzazzjoni u li l-flus li dawn l-għaqdiet idaħħlu qed imorru għall-bżonnijiet tal-isport. Għandu jkollha s-snien biex tara li ħadd ma hu jabbuża mis-sistema u fejn issib lil xi ħadd hekk, ikollha s-saħħa tieħu azzjoni. Għandha fuq kollox tibqa' tinvesti fil-ħaddiema tagħha, li huma l-qalb tax-xogħol kollu li jsir f'pajjiżna għall-ġid tal-isport kollu. Meta xi darba jiġi ħaddieħor minn floki, se jsib SportMalta ppreparata għall-isfidi tal-ġejjieni u b'finanzi tajbin u proċeduri finanzjarji bbażati fuq it-trasparenza u kontabilita'. Min-naħa tiegħi, meta jasal dak il-waqt u nħares lura u niftakar fi SportMalta, se nħossni kburi li għamilt parti minn xi ħaġa daqshekk kbira u li konna kapaċi naffettwaw b'mod pożittiv il-ħajja ta' ħafna nies.



# L-AKKADEMJI TA' SPORTMALTA - TRIATHLON

Waħda mill-ewwel inizjattivi li kkummissjona s-Sur Cyprian Dalli meta ġie elett President tal-Assoċjazzjoni Maltija tat-Triathlon fl-2011 kien studju dwar l-aktar elementi importanti li kien hemm bżonn biex jieħdu ħsieb sabiex l-isport tat-triathlon jikber fil-kwantita' u speċjalment fil-kwalita'. Minn dan l-istudju ħareġ ċar li l-aktar aspett importanti li ma kienx qed jingħata attenzjoni kienet il-parteċipazzjoni ta' żgħażagħ u tfal fl-isport.



"Peress li kienet xi ħaġa ġdida, kellna bżonn l-għajnuna ta' esperti fil-qasam. Ħloqna mezz ta' komunikazzjoni mal-International Triathlon Union u l-European Triathlon Union sabiex ħejjejna pjan strateġiku fit-tul ta' kif kellna nistabilixxu t-twaqqif ta' akkademja tat-triathlon. Wara li dan il-pjan kien imfassal, ressaqnieh quddiem SportMalta. Flimkien ippjanajna kull aspett neċessarju: loġistika, coaching, għanijiet fl-immedjat u fit-tul. L-għajnuna u s-sapport li rċevejna mingħand SportMalta kienet ħafna ikbar milli stennejna u wara madwar tliet xhur, nedejna l-MYTA-Malta Youth Triathlon Academy f'Lulju tal-2013 għal tfal bejn it-8 u t-13 -il sena. Kien kważi esperiment għax ma konniex konvinti li sport tant iebes bħalma hu t-triathlon kien se jkun popolari fost il-ġenerazzjonijiet żgħar. Għamilna għan f'moħħna li ngħaqdu għaxar atleti, iżda konna sorpriżi meta kellna 18 -il reġistrazzjoni," tenna s-Sur Dalli.

Illum hemm mal-ħamsin tifel u tifla bejn is-6 u t-18 -il sena li jattendu regolarment. "Permezz tal-għajnuna ta' SportMalta bqajna naħdmu biex ngħollu l-livell tas-servizzi li toffri l-akkademja. Bis-saħħa tal-għajnuna finanzjarja ta' SportMalta, 27 atleta tal-MYTA ħadu sehem fl-ewwel kamp ta' taħriġ fi Slovenja fl-2018," ikkonferma l-President tal-assoċjazzjoni. Illum il-MYTA fiha erba' gruppi distinti skont l-etajiet : il-cadets bejn 6 u 9 snin, il-minors bejn 10 u 12 -il sena, il-youths bejn it-13 u l-15 -il sena u l-juniors minn 16 sa 20 sena.

# 26 Atleta jibbenefikaw mill- Youth Development Scheme

**26 atleta żagħżugħ se jibbenefikaw mit-tieni edizzjoni tal-Youth Development Scheme organizzata minn SportMalta b'kollaborazzjoni mal-Bank of Valletta.**

L-Iskema tipprovdi għajnuna finanzjarja lil atleti żgħażagħ li jixtiequ jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet internazzjonali u kampijiet ta' taħriġ lil hinn mix-xtut tagħna. Ko-finanzjata minn SportMalta u BOV, l-iskema hija mmirata lejn atleti li għadhom ma għalqux 18-il sena. SportMalta rċeviet iktar minn 50 applikazzjoni għall-iskema. Bord ta' esperti evalwa kull applikazzjoni u 26 atleta ġew magħżula biex jibbenefikaw mill-iskema.

L-atleti magħżula tħabbru waqt konferenza stampa li saret fil-BOV Centre f'Santa Venera u ġew indirizzati minn Dr Clifton Grima, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Mark Cutajar, CEO ta' SportMalta u Charles Azzopardi, Executive PR Marketing fi ħdan il-Bank of Valletta. "Wara s-suċċess ta' l-ewwel edizzjoni ta' l-Iskema, u t-titjib pożittiv li ġie rreġistrat mill-benefiċjarji tagħha, huwa tabilħaqq bi pjaċir li tħabbar skema saħansitra ikbar din is-sena," qal Charles Azzopardi. "Il-Bank u SportMalta ddeċidew li jżidu l-baġit għal din l-iskema u jgħinu lill-atleti kollha li ġew short-listed flok jitnaqqsu l-atleti minħabba l-baġits stabbiliti minn qabel."

Is-CEO ta' SportMalta, Mark Cutajar, iddikjara li l-popolarità ta' l-iskema żdiedet mill-introduzzjoni tagħha f'kollaborazzjoni mal-BOV. Fil-fatt, l-applikazzjonijiet kważi ttriplikaw meta mqabbla ma' l-ammont ta' applikazzjonijiet li waslu għall-ewwel edizzjoni ta' l-Iskema. Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima rringrazzja lil SportMalta u l-Bank of Valletta għal din il-kollaborazzjoni li se tkun ta' investiment fil-futur tal-atleti tagħna.





# Inizjattiva ambjentali għall-ġid tal-isport Malti

**Il-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma Joe Mizzi u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima nedew skema b'investiment ta' €500,000 bil-għan li tgħin lill-għaqdiet sportivi biex jinvestu f'Enerġija Alternattiva.**

Il-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma Joe Mizzi qal li l-investimenti li saru u li qegħdin isiru, qed iservu sabiex jiżguraw li l-konsumatur ikun ipprovdut b'enerġija sostenibbli, sigura u affordabbli. Spjega li din l-iskema toffri għajnuna finanzjarja, b'valur massimu ta' €50,000 biex organizzazzjonijiet sportivi jiġu mħeġġa jagħmlu investimenti li forsi jkunu ilhom fil-pjanijiet tagħhom, iżda minħabba raġunijiet finanzjarji, qatt ma jkunu saru

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima saħaq kif din l-iskema, li hi waħda mill-wegħdi elettorali tal-Gvern, se tkompli tagħti assistenza lill-għaqdiet sportivi biex jirrikorru għall-enerġija alternattiva fejn apparti se jħallu aktar flus fi ħdan dawn l-għaqdiet stess se jkunu qed jikkontribwixxu għal riżorsi naturali li m'għandomx impatt fuq l-ambjent.

Din l-iskema se tkun amministrata minn SportMalta. Mark Cutajar Kap Eżekuttiv ta` SportMalta qal li din hija wegħda oħra elettorali li saret realtà. Huwa semma li l-għan ta` SportMalta huwa sabiex jgħin lil Għaqdiet ikunu aktar sostenibbli. Huwa semma li fl-2019 barra rekord f'assistenzi, SportMalta qed tniedi diversi skemi oħra "fosthom għajnuna għal Għawdxin li b'hekk ikunu qed nkopru l-ispejjeż kollha ta` l-ivjaġġar minn Għawdex għal Malta kif ukoll fi żmien li ġej ser noħorġu skema oħra dwar ħlasijiet għal permessi fi żvilupp ta` faċilitajiet

# Jibdew il-preparamenti għal
# SUMMER ON THE MOVE 2019

**SportMalta se tkun qed tiftaħ il-bibien tagħha għas-16-il edizzjoni ta' Summer on the Move. Il-programm qed ikun offrut fil-kumplessi sportivi ta' SportMalta tal-Kottonera, Ħal-Kirkop, tal-Qroqq kif ukoll fl-iskejjel tal-Mosta, Maria Assunta il-Ħamrun, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ u Pembroke.**




Se jsiru wkoll sessjonijiet fil-Family Park ta' Selmun kif ukoll fil-Vikings Sailing Club fil-Furjana fejn se jsiru korsijiet tal-ibburdjar għat-tfal, żagħżagħ u adulti. Dan kollu apparti s-sessjonijiet li jsiru fil-Kumpless Sportiv tar-Rabat Għawdex. Huma diversi d-dixxiplini sportivi offruti imma l-aktar popolari huma l-għawm, il-ġinnastika, il-basketball u l-football. L-għażla wiesa' tagħti opportunitajiet varji lil dawk li jixtiequ jippruvaw u jipparteċipaw f'aktar minn sport wieħed. Il-programm ta' fil-għodu li qiegħed offrut fiċ-ċentri l-kbar huwa fost l-aktar imfittxija fejn it-tfal jistgħu jagħmlu sa sitt siegħat ta' attivita' fiżika mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Ta' kull sena huma eluf ta' tfal li jitħarrġu fl-għawm ġewwa l-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq kif ukoll fil-pixxina tal-Kumpless Sportiv ta' Ħal-Kirkop u dik tal-iskola primarja tas-Siġġiewi.

Dan il-programm huwa meqjus bħala kontinwazzjoni tal-programm tax-xitwa b'iktar minn 7500 parteċipant minn eta' ta' 6 xhur sa anzjani. Is-sessjonijiet isiru minn kważi 400 coach kwalifikat li jiżguraw li t-taħriġ ikun ta' kwalita'. L-entużjażmu waqt dawn l-attivitajiet huwa espress waqt it-taħriġ sportiv u l-logħob varjat li bla ebda dubju jgħin lit-tfal biex jikbru aktar b'saħħithom. Dan minbarra li aktar adulti qed jirrikonoxxu l-bżonn ta' iktar attivita' fiżika bħala ingredjent prinċipali għal ħajja sana. Il-pubbliku huwa mħeġġeġ biex ma jibqax juża' l-metodi tradizzjonali ta' reġistrazzjoni bi flus kontanti u cheques iżda minnflok japplika online permezz tas-sit elettroniku www.sportmalta.org.mt sabiex jinqeda malajr u b'iktar kumdita'. L-applikazzjonijiet jibqgħu jintlaqgħu sal-14 ta' Ġunju. Peress li l-postijiet huma limitati u biex tiġi garantita l-kwalità, il-pubbliku huwa mħeġġeġ biex ma jħallix għall-aħħar.




# Kampjonat BOV Premier

## Valletta FC favoriti wara żelqa goffa ta' Hibernians

It-telfa xejn mistennija ta' Hibernians kontra Qormi tat żvolta għal min jista' jirbaħ il-kampjonat. Qabel din il-logħba l-favoriti kienu Hibs iżda wara dan ir-riżultat sorpriża issa l-favoriti huma Valletta. Ta' interess insemmu li Sirens u Gudja staġun ieħor se jkunu fil-Kampjonat Premier. Meta fadal żewġ logħbiet għat-tmiem Valletta (54 punt) qed igawdu vantaġġ ta' żewġ punti fuq Hibernians (52 punt) li bit-telfa ta' 3-1 kontra Qormi nhar it-Tnejn li għadda 15 ta' April tfixklu f'saqajhom stess f'żelqa goffa u litteralment irregalaw fuq platt ir-rebħ tal-kampjonat 2018-19.




## L-aħħar riżultati fil-Kampjonat Premier kienu dawn:

### 21-IL ĠURNATA

| | |
|---|---|
| Qormi v Tarxien | 1-2 |
| Senglea A v St. Andrew's | 5-0 |
| Mosta v Valletta | 0-1 |
| Balzan v Gżira Utd | 0-0 |
| Pieta H v Floriana | 0-2 |
| Birkirkara v Ħamrun S | 0-1 |
| Hibernians v Sliema Wds | 2-2 |

### 22-IL ĠURNATA

| | |
|---|---|
| Floriana v Valletta | 2-0 |
| Sliema Wds v Birkirkara | 0-1 |
| Hibernians v Mosta | 1-1 |
| St, Andrew's v Balzan | 0-1 |
| Gżira Utd v Pieta H. | 5-2 |
| Tarxien v Senglea | 2-2 |
| Ħamrun S v Qormi | 2-1 |

### 23-IL ĠURNATA

| | |
|---|---|
| Pieta H v St, Andrew's | 3-1 |
| Valletta v Gżira Utd | 1-1 |
| Mosta v Floriana | 3-3 |
| Senglea A v Ħamrun | 2-2 |
| Qormi v Sliema Wds | 2-3 |
| Balzan v Tarxien | 2-0 |
| Birkirkara v Hibernians | 2-3 |

### 24-IL ĠURNATA

| | |
|---|---|
| Hibernians v Qormi | 1-3 |
| Gżira Utd v Floriana | 1-0 |
| Sliema Wds v Senglea A | 0-0 |
| St. Andrew's v Valletta | 4-0 |
| Ħamrun S v Balzan | 1-1 |
| Birkirkara v Mosta | 1-2 |
| Tarxien R v Pieta H | 2-0 |

**KLASSIFIKA:**
Valletta 54 punt, Hibs 52; Gżira Utd 49; Ħamrun 42; Sliema 42; Balzan 40; Birkirkara 39; Floriana 29; Mosta 27; Tarxien R 26; Senglea 23; St. Andrew's 18; Qormi 16; Pieta H 13



Valletta jonqoshom kontra Tarxien Rainbows u Ħamrun Spartans waqt li Hibs iridu jilagħbu kontra Senglea u Balzan. Meta fadal sitt punti x'jintrebħu l-logħba li tista ċċaħħad lill-Beltin milli jirbħu l-kampjonat hija kontra Ħamrun bil-Hibs iridu jirbħu ż-żewġ logħbiet tagħhom. L-ironija fir-rebħa ta' Qormi hija li t-team Qormi hu mmexxi mill-kowċ Mario Muscat li tant rebaħ unuri ma' Hibs wara karriera twila magħhom bħala goalkeeper.

Qormi b'dawn it-tliet punti għad jistgħu jilħqu lil St. Andrew's u jisfurzaw li jkunu huma li jilagħbu l-play-off minflok l-istess St. Andrew's li fl-aħħar ħarġa tagħhom tilfu 4-0 kontra Valletta. Dawn tal-aħħar qed itemmu dan l-istaġun b'Gilbert Agius bħala l-kowċ wara li rriżenja Danilo Doncic. Dan ifisser li 11 minn 14-il tim bidlu l-kowċ f'dan l-istaġun.

Gżira Utd jidher li bir-rebħa 1-0 fuq Floriana aċċertaw mit-tielet post u post fl-Europa League. It-taqtiegħa hija min bejn Ħamrun, Sliema, Balzan u Birkirkara se jispiċċa fir-raba' post u li jista' jiswa post fl-Ewropa. Bejn l-erba' timijiet hemm biss tliet punti differenza. Floriana, Mosta u Tarxien huma ċerti li staġun ieħor jerġgħu jilagħbuh fil-Premier.

**Sirens u Gudja Utd promossi fil-Premier għall-ewwel darba**

Bi Pieta' jkunu ċerti li staġun ieħor jerġgħu jilagħbu fl-Ewwel Diviżjoni minn din id-diviżjoni ġew promossi fil-Premier għall-ewwel darba Sirens bħala champions u Gudja Utd.

Dorita Agius

# Suċċess femminili Malti fid-Development Tournament




It-tim nazzjonali tat-tfajliet ta' taħt is-16-il sena kiseb riżultat eċċellenti matul ix-xahar ta' Marzu hekk kif rebaħ it-tliet logħbiet li lgħab fihom validi mill-UEFA Girls Development Tournament li kien ospitat propju minn Malta, ġewwa l-grawnd taċ-Ċentinarju. Il-Maltin, immexxija mill-kowċ Dorianne Theuma flimkien ma' l-assistenta tagħha Charlene Zammit, affrontaw lit-timijiet ta' Ġibiltà, Andorra u Albanija. Kontra Ġibilta', il-Maltin kisbu rebħa ta' 5-1 biex fetħu din il-kampnja fuq nota tassew pożittiva. Il-gowls waslu grazzi għal hat-trick ta' Kailey Willis, Maya Lucia u Hannah Khatib.

Sadanittant, fit-tieni partita, l-Maltin għelbu lil Andorra bl-skor kbir ta' 7-0 fejn Haley Bugeja skorjat erba' gowls. Il-gowls l-oħra waslu mingħand Kailey Willis, Emma Ciantar u awto-gowl. L-aħħar partita, dik kontra l-Albanija, rat lil Maltin jispiċċaw it-turnament b'rebħa ta' 4-0. Il-gowls kienu skorjati minn Alexandra Gatt, Veronique Mifsud u doppjetta ta' Haley Bugeja. Il-Maltin ta' din il-kategorija se jkunu mpenjati fil-kwalifikazzjoni għal kampjonati Ewropej tal-2020, fejn Malta se tkun qiegħda tilgħab fil-Belarus, kontra dawn tal-aħħar, Franza u l-Iżlanda matul ix-xahar ta' Settembru.






**Logħob ta' kwalifika Euro 2021 : Malta flimkien mal-Italja, Danimarka**

It-tim nazzjonali Malti tan-nisa, immexxi mill-kowċ Mark Gatt, se jkun qiegħed jieħu sehem fi grupp diffiċli wara li telgħu l-poloz għal fażi preliminari validi għal kampjonati Ewropej li se jsiru fl-2021 ġewwa l-Ingilterra. Il-polza li saret ġewwa Nyon, laqqgħet lil Maltin fi Grupp B kontra l-Italja Danimarka, Bożnja u Herżegovina, Iżrael u Ġorġja. Malta tifforma parti minn wieħed miż-żewġ gruppi li fihom sitt timijiet hekk kif il-gruppi l-oħrajn jikkonsistu f'ħames timijiet.

L-Italja, taħt it-tmexxija ta' Milena Bertolini, għadhom friski minn kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja tal-2019 wara nuqqas ta' 20 sena. L-iskwadra Taljana tikkonsisti f'numru ta' plejers li jilgħabu maċ-champions renjanti tas-Serie A femminili Juventus, fosthom il-gowlkiper Laura Giuliani, Sara Gama li hija l-kaptin, Martina Rosucci u Barbara Bonansea. Sadanittant, Malta se tkun qed terġa tilgħab kontra d-Danimarka wara li ltaqgħu kontrihom fl-2015 fil-preliminari għat-Tazza tad-Dinja, bid-Daniżi jirbħu 5-0 u 8-0. Dawn il-kwalifikazzjonijiet għandhom jibdew f'Awwissu tal-2019 u jispiċċaw f'Settembru tal-2020.

**Tazza Aphrodite : Riżultati pożittivi għan-nisa Maltin f'Ċipru**

Matul ix-xahar ta' Marzu, it-tim nazzjonali tan-nisa ta' Malta kien wieħed mill-parteċipanti fit-turnament annwali tat-Tazza Aphrodite, li sar ġewwa Ċipru. Din kienet ir-rabà darba li l-Maltin kienu fost it-timijiet mistiedna għal dan it-turnament. Malta lgħabu tliet partiti f'dan it-turnament, kontra Estonja, Ċipru u Litwanja. Fl-ewwel partita, dik kontra t-tim ta' l-Estonja, Malta spiċċat fi draw ta' 0-0 f'logħba li fiha kien hemm id-debutt ta' Kayleigh Chetcuti. Malta kisbet rebħa ta' 1-0, kontra Ċipru grazzi għal gowl skurjat minn Brenda Borg kmieni fil-partita. Il-Maltin għalqu l-impenji tagħhom bi dro ta' 2-2 kontra l-Litwanja. Wara li l-Litwani fetħu l-skor, kienet Dorianne Theuma li kisbet il-gowl tad-draw qabel ma l-Litwanja reġgħu marru fil-vantaġġ għal skor ta' 2-1.

Madankollu, l-Maltin baqgħu jagħfsu għal gowl tad-draw li wasal propju minn deflection wara free kick ieħor ta' Theuma.




**Malta f'training camp ġewwa ir-Rumanija**




Bħala parti mill-preparazzjoni għal dawn il-kwalifikazzjonijiet Ewropej, it-tim nazzjonali Malti taħt it-tmexxija ta' Mark Gatt, qatta ġimgħa ġewwa Bucharest, ir-Rumanija, għal training camp bejn l-1 t'April u s-7 t'April. Matul din il-ġimgħa, Malta lagħbet żewġ partiti ta' ħbiberija kontra t-tim nazzjonali Rumen, li jinsab fil-41 pożizzjoni fir-rankings tal-FIFA. Għal dan it-training camp, Gatt għażel uċuħ ġodda fosthom Samantha Zarb u Veronique Mifsud ta' Birkirkara, Jasmine Vella Turner u Haley Bugeja, li bħalissa jinstabu fuq il-kotba ta' Mġarr United. Fl-ewwel partita, kienu r-Rumeni li ħarġu rebbieħa bl-skor ta' 2-0 u fit-tieni partita, r-Rumanija ħarġu rebbieħa għal darb'oħra 5-0.

# Suċċess għal Malta fil-kompetizzjonijiet ta' Special Olympics

Ftit tal-ġimgħat ilu, kontinġent Malti magħmul mit-28 atleta ħa sehem fl-iSpecial Olympics ġewwa Abu Dhabi fejn taw prestazzjoni eċċellenti tanti li rebħu 12-il midalja tad-deheb, 13-il midalja tal-fidda u 15 tal-bronż. L-atleti ddeskrivew l-esperjenza tagħhom bħala waħda sabiħa ħafna u li fiha tgħallmu ħafna.

Din kienet ħidma li ħadet tliet snin u li waslet biex ħalliet il-frott, però kif qalet id-Direttriċi tal-isports li mexxiet l-atleti Maltin, Anna Calleja, dan ma setax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna tal-Marigold Foundation li verament tat l-għajnuna kollha possibbli biex tissapportja lill-atleti f'dak kollhu li kellhom bżonn.




ENRIQUE XERRI

## Ir-riżultati tal-atleti Maltin

**Ann Ebejer** (atletika): midalja tad-deheb fil-ġirja tal-200m; il-ħames post fir-relay 4x100; is-sitt post fil-ġirja ta' 100m

**Gilmour Borg** (atletika): il-ħames post fir-relay 4x100, fil-ġirja tal-100m u fil-long jump

**Mattheus Muscat** (atletika): midalja tal-fidda fix-shot put, midalja tal-bronż fil-ġirja 400m u l-ħames post fir-relay 4x100m

**Naomi Axisa** (atletika): midalja tad-deheb fil-ġirja tal-400m, il-ħames post fir-relay tal-4x100m, is-sitt post fix-shot put

**Alison Bonello** (boċċi): it-tielet post fis-singles u t-tielet post fid-doubles

**Cedric Peplow** (boċċi): midalja tal-fidda fis-singles u midalja tal-bronż fid-doubles

**Amanda Cini** (bowling): midalja tad-deheb fil-Unified Sports Doubles u midalja tad-deheb fil-Unified Sports Team

**Jessica Farrugia** (bowling): midalja tad-deheb fil-Unified Sports Doubles, midalja tad-deheb fil-Unified Sports Team u t-tmin post fis-singles

**Mark Serge** (bowling): midalja tad-deheb fis-singles, midalja tal-fidda fid-doubles u s-seba' post fit team

**Miriana Pace** (bowling): midalja tal-bronż fis-singles, is-sitt post fid-doubles u s-seba' post fit team

**Natasha Bianchi** (bowling): is-sitt post fid-doubles, is-seba' post fis-singles u s-seba post fit-team

**Nicholas Falzon** (bowling): midalja tal-fidda fid-doubles, ir-raba' post fis-singles u s-seba' post fit-team




GARETH BORG

**Peter Mallia** (bowling): midalja tad-deheb fil-Unified Sports Doubles u midalja tad-deheb fil-Unified Sports Team

**Philip Gruppetta** (bowling): midalja tad-deheb fil-Unified Sports Doubles, midalja tad-deheb fil-Unified Sports Team u midalja tad-deheb fis-singles

**Carmelo Pace** (ċikliżmu): midalja tad-deheb fil-Fin 5K RR, midalja tad-deheb fil-Fin 2K time trial u midalja tal-bronż fil-Fin 5K time trial

**Gareth Borg** (ċikliżmu): midalja tal-fidda fil-Fin 25K road race, is-seba' post fil-Fin 5K RR u t-tmin post fil-Fin 5K time trial

**Giuseppina Galea** (ċikliżmu): midalja tad-deheb fil-Fin 2K time trial, il-ħames post fil-Fin 5K time trial u s-sitt post fil-Fin 5K RR

**Rebecca Dalli** (golf): midalja tal-bronż fl-ewwel livel tal-Female Individual Skills Competition

**Anne Marie Bugeja** (ġinnastika artistika): midalja tal-fidda fir-raba' livell tal-Womens Balance Beam, midalja tal-fidda fir-raba' livell tal-Women Uneven Bars, midalja tal-fidda fir-raba' livell tal-Women Floor Exercise u midalja tal-bronż fir-raba' livell tal-Women vaulting

**Enrique Xerri** (ġinnastika artistika): midalja tal-bronż fit-tielet livell tal-Mens Horizontal Bar, midalja tal-bronż fit-tielet livell tal-Mens All Around, midalja tal-bronż fit-tielet livell tal-Men Pommel Horse, midalja tal-bronż fit-tielet livell tal-parallel bars, midalja tal-bronż fit-tielet livell tal-vaulting, ir-raba' pożizzjoni fit-tielet livell tal-Mens rings u r-raba' pożizzjoni fit-tielet livell tal-Mens Floor Exercise

**Benjamin Camilleri** (għawm): midalja tad-deheb fil-100m freestyle, midalja tal-fidda fil-100m butterfly u l-ħames pożizzjoni fil-4x50m medley relay

**Maria James** (għawm): midalja tal-fidda fil-100m freestyle, midalja tal-fidda fil-100m breaststroke u l-ħames pożizzjoni fil-4x50m medley relay

**Maria Pia Saliba** (għawm): midalja tad-deheb fil-25m butterfly, midalja tal-bronż fil-50m backstroke u l-ħames pożizzjoni fil-4x50m medley relay

**Sam Micallef** (għawm): midalja tal-bronż fil-25m backstroke, il-ħames pożizzjoni fil-4x50m medley relay u s-sitt pożizzjoni fil-50m freestyle

**Doreen Vella** (table tennis): midalja tal-fidda fil-Women's Finals 29+ Division 4 u midalja tal-bronż fil-Male Doubles Group 1 Division 4

**Warren Schembri** (table tennis): midalja tal-bronż fid-doubles u midalja tal-fidda fil-Men's Finals 18-21 Division 05

**Sasha Cini** (ċikliżmu u triathlon): midalja tal-fidda fil-Fin 10K time trial u l-ħames post fit-triathlon

**Adam Pisani** (golf): minkejja li ma rebaħx midalja, il-prestazzjoni tiegħu ġiet innutata minn bosta fosthom it-team leader Anna Calleja fejn kitbet fuq il-midja soċjali kemm għamlilha unur u taħa waħda mill-aħjar midalji.





# L-GĦAWM SINKRONIZZAT

## JITWAQQAF IS-SYNCHRO KNIGHTS L-EWWEL KLABB TAL-GĦAWM ARTISTIKU F'PAJJIŻNA

Fi Frar tas-sena l-oħra, Synchro Knights kien l-ewwel klabb dedikat għall-għawm artistiku f' Malta. Il-klabb twaqqaf bl-għan ewlieni li joħloq ambjent artistiku għall-għawwiema li jipprattikaw din id-dixxiplina akwatika. Din is-sena l-klabb ħa sehem fl-ewwel kompetizzjoni tiegħu fi Sqallija minbarra li kellu esperjenzi oħra fl-Awstrija u fis-Slovakkja.

Mit-twaqqif tiegħu l-klabb flimkien ma' Sport Malta embarka fuq proġett li jagħmel l-għawm sinkronizzat sport aktar vijabbli f'pajjiżna. Matul l-aħħar sena il-klabb qam għall-okkażjoni għall-isfida li jippreżenta lill-atleti kollha interessati bi programmi ta' taħriġ adekwat għall-gost u għall-kompetizzjonijiet taħt gwida ta' kowċis li għadhom appoġġ sħiħ ta' Sport Malta biex itejbu it-teknika tat-taħriġ.

Lejn tmiem l-2018 fi żmien il-Milied kienet organizzata l-ewwel gala ta' għawm sinkronizzat. Dan kien l-ewwel avveniment organizzat għall-gost bl-għan li l-atleti juru l-abbilitajiet tagħhom. Il-klabb jaħseb għal tfal u żgħażagħ bejn is-6 snin u sittax-il sena b'abbilitajiet u saħħiet diversi. bil-kowċis jieħdu ħsieb jaħdmu fuq abbilitajiet individwali u jintroduċuhom fi skwadri skont l-età u l-ħiliet tagħhom.

Il-klabb jippreżenta opportunitajiet għall-avvenimenti kompetittivi li jħalli lill-atleti bniet jiffukaw biex jipperfezzjonaw l-eżerċizzji li huma l-aktar b'saħħithom fihom. Fix-xhur




> Il-klabb jippreżenta opportunitajiet għall-avvenimenti kompetittivi li jħalli lill-atleti bniet jiffukaw biex jipperfezzjonaw l-eżerċizzji li huma l-aktar b'saħħithom fihom.

li għaddew l-atleti membri ta' dan il-klabb marru jikkompetu fi Sqallija, l-Awstrija u s-Slovakkja. Hemm kompetizzjonijiet oħra ppjanati matul l-istaġun biex jiżguraw u jesponu lill-membri għal aktar esperjenzi kompetittivi.

L-ewwel kompetizzjoni din is-sena saret f'Catania fi Sqallija. Team magħmul minn 10 atleti u żewġ kowċis ħadu sehem f'kompetizzjoni reġjonali organizzata minn FIN Sicilia. It-tim Malti kien iġġudikat minn panel ta' ġurija ta' esperjenza f'dan l-isport u l-għawwiema Maltin kisbu riżultati tajbin b'ħafna minnhom jiksbu riżultati aħjar mill-aħħar kompetizzjoni li ħadu sehem fiha. L-atleti kienu Kelise Agius, Davida Bonanno, Thea Blake, Ellezia Cardona, Nicole Felice Tomic, Valentina Marchi, Zea Montfort, Emily Ruggier, Sophie Zammit and Kylie Zerafa.

Il-kowċ Albertina Onsea qalet li kienet kuntenta ħafna bl-impenn u d-determinazzjoni li wrew l-atleti fil-jum tal-kompetizzjoni u matul it-taħriġ fil-ġimgħat ta' qabel l-avveniment f'Katanja, Anki l-assistant kowċ Martina Fitzgerald kienet tal-istess opinjoni u sodisfatta bil-wirjiet li taw l-atleti kollha.

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-klabb hu li jattiraw bniet fid-dixxiplina tal-għawm artistiku. Id-dixxiplina tiġbor flimkien l-għawm, ġinnastika, koreografija, dinamiżmu, atletikiżmu u l-espressjoni artistika.

Matul il-btajjel tal-karnival il-klabb organizza training camp ta' tliet ijiem immexxi mill-espert Renaud Barral u Albertina Onsea fejn l-atleti Maltin ħassew il-mużika u tħallew jesprimu ruħhom liberament jimprovizzaw il-movimenti.

Issa l-klabb jinsab fil-proċess li jaċċetta l-ewwel subien fil-grupp għaliex dan l-isport mhux biss għall-bniet imma wkoll għal min jieħu pjaċir jesprimi ruħu f'din id-dixxiplina artistika.



# Ikompli s-Suċċess għat-Tim Malti tar-RUGBY

**It-Tim Nazzjonali Malti tar-Rugby kellu l-ewwel impenn internazzjonali tas-sena fit-23 ta' Marzu f'Paphos meta ltaqa' mat-Tim Ċiprijott. Ħawnhekk, penalty fl-aħħar minuti tal-partita minn naħa ta' James Kirk issiġilla r-rebħa ta' 37-10 għat-tim Malti. Tajjeb nikkonċentraw fuq l-aħħar partita kontra l-Kroazja fejn it-Tim Malti wera kuraġġ hekk kif fil-Hibs Stadium ta' Kordin kiseb draw biex temm il-kompetizzjoni Conference 1 South fil-quċċata tal-klassifika u issa se tkun play-off kontra l-Iżvezja jew l-Ukrajna li tiddetermina min se jagħmilha għall-grupp li jilgħab fir-Rugby Europe Trophy Competition.**

Logħba li fiha kellu bidu tajjeb it-tim Malti hekk kif fil-5 minuta kien Robert Holloway li ħarab minn żewġ tackles tal-avversarji u għamel l-ewwel try tal-partita. Minn scrum kienu l-Kroati li ħarġu l-ballun u Joshua Brajkovic qabeż il-linja biex għamel l-ewwel 5 punti. Jason Newton għamel il-conversion u tefa' lit-tim Kroat fil-vantaġġ. It-tim Kroat irnexxielu jżomm il-pussess sakemm wassal lit-tim Malti biex jiżbalja u minn penalty reġa kien Newton li żied 3 punti għat-tim tiegħu. Mill-penalty kien James Kirk li naqqas id-distakk għal 2 punti. L-ewwel taqsima għalqet 8 – 10 favur it-tim Kroat.

Fit-tieni taqsima t-tim Kroat ħasad lit-tim Malti hekk kif fir-raba' minuta, nuqqas ta' attenzjoni mit-tim tagħna u kien Srdan Majkic li ħasad lid-difiża għal try oħra. It-tim Malti deher rasu baxxuta hekk kif deher li ma setax isib tarf tal-avversarji li kienu tattikament preparati għal kull tip ta' attakk. Toby Quarendon kien attent u interċetta l-ballun biex ħarab mid-difiża u niżżel taħt il-lasti. Kirk għamel il-conversion biex ġab l-iskor indaqs. Il-ferħ tat-tim Malti ma tantx dam hekk kif żewġ minuti wara, penalty għal-Kroati u Newton reġa poġġa lit-tim tiegħu fil-vantaġġ, 15 bi 18. It-tim Malti wera l-qlubija tiegħu fl-aħħar 20 minuta hekk kif għamel minn kollox biex iġib l-iskor indaqs. Kien propju fl-aħħar minuta li t-tim Malti irnexxielu jġib l-iskor indaqs permezz ta' penalty minn James Kirk.



## REGATTA JUM IL-ĦELSIEN

# BORMLA jiksbu double

**Bormla komplew juru l-potenzjal tagħhom fir-Regatta meta rebħu ż-żewġ kategoriji ta' Jum il-Ħelsien. Filwaqt li f'Kategorija A rebħu erba' tiġrijiet, f'dik B rebħu tlieta minn massimu ta' ħamsa.**

**Kategorija A:** L-ewwel tiġrija, dik tal-Midalji kienet ferm missielta u ġiet mirbuħa mill-Isla b'Bormla u Birżebbuġa jtemmu fit-tieni u fit-tielet post rispettivament. Fit-tieni tiġrija Bormla kisbu rebħa komda fuq Kalkara, b'Marsa jtemmu fit-tielet pożizzjoni. Ir-riżultat tat-tielet tiġrija, dik tal-Pass b'żewġ imqadef, kien eżatt bħal tas-sena li għaddiet, jiġifieri, Bormla, Marsamxett u l-Isla rispettivament. Imbagħad Bormla kisbu t-tielet rebħa konsekuttiva meta, fit-tiġrija tal-Kajjikki huma għelbu l-isfida ta' Marsa u Birżebbuġa. Din ir-rebħa kienet tfisser ukoll li aċċertaw mir-rebħ tax-Shield meta kellhom 56 punt u ma setgħux jintlaħqu meta l-eqreb rivali, l-Isla, kellhom 26 punt. Madankollu, Bormla nkurunaw ir-rebħ tax-Shield meta temmew fl-ewwel post fit-tiġrija tal-Pass ta' b'Erbgħa, segwiti minn Birżebbuġa u l-Isla, biex rebħu din il-kategorija bi 80 punt.

**Kategorija B:** Fl-ewwel tiġrija, dik tal-Pass b'żewġ imqadef, Bormla għelbu l-isfida tal-Isla, f'ħin ta' 5'41", b'Birżebbuġa jidħlu fit-tielet post. L-Isla rebħu t-tiġrija tal-Kajjikki, f'ħin ta' 6'26", segwiti mill-Birgu u mill-Kalkara, biex kienu qed jillidjaw il-klassifika. Iżda Bormla rebħu t-tielet tiġrija, dik tal-Midalji, biex qabżu fuq quddiem, b'40 punt. Fit-tieni post daħlu l-Isla qabel il-Birgu. Birżebbuġa ddominaw ir-raba' tiġrija, dik tal-Frejgatini, biex din kienet l-ewwel rebħa f'din il-kategorija segwiti mill-Isla u l-Birgu. Bormla ma plejsjawx biex is-Sengleani qabżuhom b'erba' punti u għaldaqstant kollox kien għadu miftuħ beraħ. Iżda Bormla rebħu dik Tal-Pass b'Erba' Mqadef biex rebħu x-Shield hekk kif spiċċaw b'total ta' 64 punt. Bħala novità ġiet introdotta tiġrija femminili u li ġiet mirbuħa minn Birżebbuġa, segwiti mill-Isla u Marsa.





# Gary GIORDIMAINA

## jimxi fuq il-passi ta' missieru

**Minn età' żgħira daħal fl-isport tal-lotta minħabba li missieru kien jipprattika l-isport. Gary Giordimaina, iben Jesmond, eks champion u kowċ ta' Malta, li ilu 15-il sena jipprattika l-lotta, hu lottatur ewlieni f'Malta. Gary, champion tal-Mediterran darbtejn u champion tal-Commonwealth fl-2016 u wkoll erba' darbiet champion fir-Renju Unit, din is-sena se jmur jikkompeti fi Spanja u Sardinja wara li ħa sehem fil-kampjonati Ewropej U23.**

**Kemm kont influwenzat minn missierek biex tibda l-isport tal-lotta?**

Il-fatt li minn ta' età żgħira kont nara lil missieri jipprattika l-lotta bla dubju kienet waħda mir-raġunijiet ewlenin li tħajjart nipprattika l-lotta jien stess. Madanakollu, qatt ma kien hemm sforz minn missieri, sabiex nibda l-lotta u mhux sport ieħor. Li kien importanti dejjem għall-ġenituri tiegħi, kien li jien inkun attiv, u fil-fatt kont ippruvajt sport differenti ta' età żgħira iżda xi ħaġa dejjem ġibditni iktar lejn il-lotta. Għal din ir-raġuni nqis lili nnifsi fortunat, għaliex il-lotta f'Malta mhux sport popolari, u jaf kieku ma kellix lil xi ħadd mill-familja jipprattika l-lotta, jaf lanqas qatt ma kont nisma' bih l-isport u kieku ma wasaltx fejn wasalt illum fil-karriera tiegħi fil-lotta.

**Kemm ilek tipprattika dan l-isport u unuri mirbuħa?**

Kont bdejt nipprattika l-lotta ta' sitt snin, b'hekk illum il-ġurnata ilni nipprattika dan l-isport madwar 15 -il sena. Fil-bidu kienet diffiċli għalija għaliex ma kien hemm ħadd tampari ma' min nitħarreġ u allura kont limitat ħafna fl-affarijiet li stajt nagħmel mis-sessjonijiet tat-taħriġ. Maż-żmien imbagħad





bdejt nikber u bil-mod il-mod bdejt dejjem inżid fit-taħriġ tiegħi u llum il-ġurnata nitħarreġ kuljum u spiss nirrappreżenta lil Malta f'kompetizzjonijiet barra mill-pajjiż. Fil-karriera tiegħi rbaħt bosta unuri fosthom erba' darbiet champion tar-Renju Unit, iżda l-ikbar unuri li rbaħt ikunu l-midalji tad-deheb u l-fidda fil-kampjonati tal-Mediterran fis-snin 2015 u 2016 rispettivament, fejn b'hekk sirt iċ-champion tal-Mediterran fl-2015. Irbaħt ukoll il-midalja tad-deheb fil-kampjonati tal-Commonwealth fil-Kanada fl-2016 li kienet fil-fatt waħda mir-raġunijiet li ntgħażilt biex inġorr il-bandiera ta' Malta fil-Logħob tal-Commonwealth fl-2018 fil-Gold Coast fl-Awstralja.

**X'għandu jsir biex l-isport tal-lotta jkompli jikber ?**

Lokalment l-isport tal-lotta dejjem jista' jkompli jikber permezz ta' iktar pubbliċita' fuq il-media. Madankollu, jien nemmen li jekk vera rridu nagħtu spinta sew lil lotta ġewwa Malta hemm bżonn li dan l-isport ikun inkluż fl-iskejjel. Sfortunatament hemm ħafna nies hemm barra li għandhom ideat żbaljati fuq dan l-isport. Apparti minn hekk in-numri ta' klabbs li hawn madwar Malta huwa limitat ħafna u allura spiss niltaqa' ma' nies li forsi kienu mħajrin jippruvaw dan l-isport iżda dejjem sabu xi ħaġa żżommhom lura. Jista' jkun għax forsi kellhom triq twila biex jiġu jitħarrġu, jew forsi għax ma kienux infurmati biżżejjed rigward l-isport jew għax il-familjari tagħhom ħasbu li dan xi sport vjolenti. L-isport tal-lotta fil-fatt ikollu inqas injuries mill-isport tal-futbol iżda n-nies xorta waħda jibqgħu jaħsbu mod ieħor. Li kieku dan l-isport kien inkluż fl-iskejjel kieku l-istudenti u l-familjari tagħhom ikunu jistgħu jiġu nfurmati sew fuqu u jkollhom ukoll l-opportunita' li jippruvawh fis-sessjonijiet tal-P.E.

**Xi pjanijiet għandek għall-futur?**

Din is-sena għandha tkun waħda impenjattiva ħafna. F'April se nikkompetu fi Spanja u f'Mejju sejrin nikkompetu f'Sardinja. Hemm ukoll ħsibijiet biex fix-xhur tas-sajf nattendu xi training camps barra minn Malta u nkunu nistgħu nippreparaw sew għall-kompetizzjoni li se tittella' f'Malta stess f'Novembru f'għeluq il-50 sena minn mindu twaqqfet il-Federazzjoni.




# Hibernians jirbħu n-Knock-Out għat-tielet darba nfila

## Depiro 87 - Hibernians 91 (13-28, 27-16, 21-15, 20-22) - (6-10)

It-53 edizzjoni ta' dan l-unur tal-irġiel tal-Ewwel Diviżjoni marret għand Hibernians, imma kellhom jidħlu fil-ħin barrani, biex żammew dan l-unur għat-tielet sena konsekuttiva, u l-ħames darba fl-istorja tagħhom.

Huma żammew ukoll is-sensiela ta' rebħ fil-finali, meta rnexxielhom joħorġu rebbieħa fil-ħames finali li lagħbu fihom. Depiro kienu dehru f'14-il finali qabel, li rebħu erbgħa minnhom. Kienet partita akkanita għal ħafna ħin, u kienet ħasra li xi ħadd kellu joħroġ tellief, biż-żewġ naħat denji tar-rebħa.

Il-Pawlisti kienu fuq quddiem matul il-ħin regolamentari kollu, qabel ma raw lill-avversarji jisfurzaw il-ħin barrani, fl aħħar sekondi tal partita. Wara, Depiro kienu darbtejn minn fuq imma ċ-champions kellhom tmiem aħjar, biex aċċertaw mir-rebħa, u d-dritt li jilagħbu fis-Super Cup tal-istaġun li ġej. Il-captains taż-żewġ timijiet baqgħu fuq il-bank, għax it-tnejn għadhom imweġġa'. Fi tmiem il-logħba kien dak ta' Hibs, Marco Matijevic, li għolla t-tazza tar-rebħ.

Wara l-logħob l-Kap Uffiċjal tal-BOV, Peter Perotti, u l-president tal-MBA, Paul Sultana, ippreżentaw midalji lir-rebbieħa, l-unur tal-MVP mar għand Roderick Vella, u Marco Matijevic irċieva t-trofew tar-rebħ, biex Hibs iċċelebraw ir-rebħ tat-tieni unur tal-istaġun, wara s-Super Cup.

**Depiro:** T. Steen 27, K. Hamilton 8, J. Attard , D. Farrugia , N. Grech 4, O. Said 6, M. Mallia , M. Borg , J. Nygaard 34, A. Chomo 8, A. Attard
**Hibs:** R. Vella 15, P. Attard , K. Sultana , L. Farrugia 3, M. Formosa , I. Bonett, L. Tardito14 , A. Axiaq 11, M. Matijevic , A. Lizaur 19, I. Demcesen 6, C. Cuschieri Patus 23
**Referees:** B. Vassallo, T. Mantere, Z. Dobrosavljevic




**Starlites rebħu k-knock out tal-league tad-dilettanti BOV. Dan wara li fil-finali għilbu lil Victoria Libertas 82 għal 67.**

Liliana Spiteri

# Suċċess Malti waqt il-Kampjonati tal-Mediterran

**Din is-sena Malta ospitat il-kampjonati tal-Mediterran tat-Tenpin Bowling u din it-22 edizzjoni rat numru rekord ta' 16 -il pajjiż, fosthom l-Eġittu, il-Portugal u l-Kosovo li ħadu sehem f'dawn il-kampjonati għall-ewwel darba. Pajjiżi oħra kienu l-Kroazja, Ċipru, Franza, Greċja, Israel, Italja, Malta, Portugal, San Marino, Slovenja, Spanja, Turkija u Tuneżija.**



Il-kompetizzjoni kellha erba' avvenimenti differenti b'sitt logħbiet kull kompetizzjoni. Dawn huma dik tas-singles, doubles maskili u doubles femminili, il-mixed doubles team, u l-4 person team event. Malta kienet rappreżentata minn Sue Abela, Sara Xuereb, Mauro Anastasi u Justin Caruana Scicluna, l-istess team li lagħab is-sena l-oħra. L-ewwel ġurnata intlagħbu s-singles u Malta rnexxielha tikseb tliet midalji, tnejn fidda, mirbuħa minn Sue Abela u Mauro Anastasi, u waħda bronż mirbuħa miż-żgħażugħa Sara Xuereb. Justin spiċċa fit-18 -il post minn 32 parteċipant. It-tieni ġurnata intlagħbu d-doubles, fejn fil-għodu bdew bid-doubles maskili. Justin Caruana Scicluna u Mauro Anastasi spiċċaw fil-5 post u tilfu t-tielet post għal 30 pin. Wara nofsinhar kien imiss id-doubles femminili. Kienet taqtiegħa missielta bejn Malta u l-Greċja, iżda fl-aħħar logħba Sara Xuereb u Sue Abela lagħbu 440, filwaqt li l-Griegi lagħbu 412 u b'hekk Malta rebħet il-midalja tad-deheb.

Fit-3 ġurnata saru l-Mixed Doubles fejn kien fl-azzjoni Justin Caruana Scicluna flimkien ma' ommu Sue Abela, u Sara Xuereb flimkien ma' Mauro Anastasi. Sfortunatament f'dan l-event ma tantx morna tajjeb. Fir-raba' jum kien hemm il-4 person team event. Din hija l-aktar kompetizzjoni akkanita u wara bidu kajman, il-Maltin dawru l-logħob fir-raba' logħba u b'total ta' 866 pin telgħu għat-3 post. Sfortunatament ma żammux dan ir-ritmu u wara s-6 logħba kellhom jikkuntentaw bil-5 post. L-24 logħba minn kull kompetizzjoni ġew magħduda u l-ewwel tlieta ingħataw il-midalja tal-All Events. Sue u Mauro rebħu midalja tal-fidda kull wieħed, filwaqt li Sara Xuereb rebħet il-bronż.

It-total tal-24 logħba kienu jgħoddu wkoll biex l-għola 8 plejers f'kull kategorija jilgħabu fil-Masters. Minn Malta għaddew Sue, Sara u Mauro, jiġifieri 3 minn 4 plejers. Sara rebħet il-midalja tal-bronż, filwaqt li Sue u Mauro telgħu biex jilgħabu l-finali. Mauro u Sue rebħu l-midalja tal-fidda. F'din l-edizzjoni Malta rebħet b'kollox 10 midalji – 1 deheb, 6 fidda u 3 bronż. Dan kien l-akbar numru ta' midalji mirbuħ mill-istess pajjiż, pero' Franza ġiet ikklassifikata fl-ewwel post peress li rebħet 3 midalji tad-deheb. Fil-klassifika ta' taħt it-22 sena, Malta spiċċat fit-tieni post f'rebħ ta' midalji.



# Aaron CIANTAR

enemed



> "Il-pjanijiet huma li nkomplu nkabbru l-Kampjonat Voomquest"

Wara 15-il sena ta' parteċipazzjoni f'kampjonati tad-dinja tal-Powerboats, Aaron Ciantar qed jippjana li jkompli jkabbar il-kampjonat Voomquest li ħoloq hu stess. Ciantar, champion tad-dinja ħames darbiet, qal li minn din is-sena se jibda kampjonat dinji Voomquest wara tiġrija b'esperiment li saret is-sena l-oħra. Ciantar beħsiebu wkoll ikompli jikkompeti u jirbaħ l-unuri fl-għola livelli.




**Kif beda l-interess tiegħek fl-isport tal-powerboats?**
L-interess fil-powerboats beda għax dan hu n-negozju tal-familja tagħna u minn dejjem ibbażajna fuq is-sezzjoni tal-powerboats.

**Liema kienu l-unuri ewlenin mirbuħa s'issa min-naħa tiegħek?**
Sa issa rbaħt ħames darbiet it-titlu ta' champion tad-dinja bħala sewwieq tal-powerboats u anki kont ingħatajt l-unur ta' Ġieħ ir-Repubblika ta' Malta.

**Kemm immatura Aaron Ciantar minn żmien il-kampjonat P1 sal-lum?**
Immaturajt ħafna wara 15-il sena ta' sewqan f'kampjonati tad-dinja kemm mil-lat ta' sewqan u anki mil-lat ta' kostrutturi tal-powerboats, għax l-esperjenza hija rwol sostanzjali f'dan is-settur.

**Ftit informazzjoni dwar il-kampjonat Voomquest**
Il-Voomquest hija kumpanija tiegħi li qegħda tagħmel it-tiġrijiet tal-powerboats, V2 class. Din hija klassi ġdida li ħloqna fl-2018 bħala tiġrijiet esperimentali li saru s-sena l-oħra u issa din is-sena 2019 se nibdew il-kampjonat dinji, għall-powerboats kollha Chaudron SVR 27 close canopy kollha bl-istess magna. Din hija one design class li fl-opinjoni tiegħi u bl-esperjenza li ksibt matul il-karriera se tkun klassi kompetittiva u klassi tal-futur.

**Kemm hi importanti l-għajnuna ta' Enemed fl-avventura tiegħek?**
L-għajnuna ta' l-Enemed hija importanti ħafna għax dan l-isport importanti li jkollok sponsors u sapport biex isir kampjonat ta' livell għoli bħal dan.

**X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-futur?**
Il-pjanijiet tiegħi għall-futur li nibqgħu nkabbru l-Voomquest u dan il-kampjonat il-ġdid, Voomquest Enemed UIM V2 World Powerboat Championship u anki nibqa' nikkompeti fil-kampjonati dinjija bil-powerboat tiegħi u nibqa' nirbaħ l-unuri.


BLUE IS HERE!
TRY IT
e POWER
HIGH PERFORMANCE DIESEL 60+
enemed.com.mt
enemed.tuels
enemed_malta
enemed

# Noel Baldacchino
## jispikka fil-heats tal-Mediterran



Fil-31 ta' Marzu, Malta ospitat żewġ stadji tal-kampjonat tal-Mediterran tas-sewwieqa fejn fihom is-sewwieq Noel Baldacchino, flimkien ma' sewwieqa mis-Serbja, Russja, Franza, Italja, Rumanija u Alġerija ħadu sehem f'żewġ heats fuq 2140m u bi żwiemel li kienu ġejjin mill-klassijiet Silver u Bronze. Mar l-aħjar Noel Baldacchino li rnexxilu jikseb il-massimu tal-punti meta temm rebbieħ b'Chahuteur fi klassi Bronze u l-Amerikan Doneisdone fi klassi Silver. Iż-żewġ heats ġew organizzati minn Lorraine Cunningham, Media Officer tal-Malta Racing Club (Ritratt Alex Azzopardi)



# Il-Korruzzjoni fl-Isport

Għall-Unjoni Ewropea, il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-korruzzjoni fl-isport hija element importanti tal-politika tagħha dwar l-integrità fl-isport u l-governanza tajba f'kull attività sportiva. Il-korruzzjoni fl-isport issibha kemm f'attivitajiet mhux għall-profitt, u iktar u iktar f'attivitajiet li jinvolvu avvenimenti internazzjonali ta' profil għoli.

In-natura kumplessa tal-korruzzjoni fl-isport toħloq diversi problemi għall-organizzazzjonijiet sportivi u entitajiet oħra biex jidentifikaw l-aħjar mezzi ta' kif wieħed jista' jevita li jiġru każijiet simili u l-aħjar mezzi ta' kif għandhom jiżviluppaw metodi biex irażżnu l-manipulazzjoni fl-isport.

F'Diċembru tal-2018, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat riċerka interessanti propju dwar dan is-suġġett. L-istudju kellu għanijiet varji, fosthom li jipprovdi bażi solida ta' identifikazzjoni ta' tipi differenti ta' korruzzjoni fl-isport, osservazzjoni ta' kif l-organizzazzjonijiet jittrattaw dawn il-każijiet, u biex jiġu identifikati metodi aħjar ta' kif wieħed jista' jindirizza dawn l-eventwalitajiet. Ir-riċerka kienet tinkludi ħdax-il pajjiż (l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja, Malta, l-Iżvezja, ir-Renju Unit, u Spanja). B'16-il każ rappurtati, f'dan l-istudju Franza kellha l-ikbar rata ta' manipulazzjoni fl-isport, bi 15-il każ rappurtati fir-Renju Unit. F'Malta ġew rappurtati 9 każijiet (il-ħames l-aktar), wieħed inqas mill-Italja u wieħed aktar mill-Iżvezja.

L-istudju juri li fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet, il-manipulazzjoni fl-isport kienet tinkludi l-aktar id-doping u t-tbagħbis fil-logħob. Fil-fatt, 32 ġew klassifikati bħala każijiet ta' tbagħbis fil-logħob, u 24 bħala każijiet ta' doping. Statistika oħra interessanti turi li sfortunatament, il-maġġoranza tal-każijiet rappurtati mmanifestaw ruħhom matul logħbiet tal-futbol (47 każ), b'5 minnhom li kienu rappurtati f'Malta. Dan hu numru kbir meta mqabbel mat-tieni l-aktar sport li kellu manipulazzjoni fih - l-atletika, b'5 każijiet. Il-ħidma ta' dan l-istudju marret lil hinn minn sempliċi numri jew statistika, li għalkemm jitfgħu stampa ċara tal-problemi f'dan is-settur, diffiċli ssolvihom mingħajr ma tieħu azzjoni. Għaldaqstant, ir-riċerkaturi ffukaw ukoll fuq metodi ta' kif il-manipulazzjoni fl-isport titrażżan u tkun tista' tiġi kkontrollata.

L-importanza tat-tagħlim dwar is-suġġett innifsu u l-qsim tal-ideat isaħħu



l-identifikazzjoni tal-evidenza fil-każijiet. L-istudju saħansitra jħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex jorganizza iktar laqgħat internazzjonali f'dan il-qasam, sabiex jinqasmu aktar ħsibijiet bejn persuni minn pajjiżi differenti. Ir-rapport jisħaq ukoll li hu ferm importanti li jkunu appoġġjati mekkaniżmi għall-koperazzjoni fil-mod kif jiġu indirizzati l-każi tal-korruzzjoni, hekk kif meta l-partijiet interessati jaħdmu flimkien, jinkisbu riżultati aktar tanġibbli.

Fl-istess waqt, fl-istudju jingħata wkoll importanza lir-rwol importanti tal-Istati Membri f'dan is-settur u jħeġġeġ biex din il-ħidma mill-Gvernijiet nazzjonali ma tiqafx. Tajjeb li nsemmu li f'Lulju tal-2018, f'Malta kien adottat l-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-Isport. Dan l-Att, minbarra li ta definizzjonijiet ċari tal-aktar kliem importanti f'dan il-qasam, isaħħaħ il-bażi legali għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni u l-korruzzjoni fl-isport. Barra minn hekk, ir-riċerka nnifisha ssemmi li dan l-Att witta t-triq għall-ħolqien ta' Sport Integrity Unit, li se jkun punt ta' riferiment għall-ġbir tal-informazzjoni f'dan il-qasam u kif ukoll biex jappoġġja lill-organizzazzjonijiet sportivi u lill-awtoritajiet.

Il-manipulazzjoni sfortunatament hi sfumatura kerha li spiss tnaqqar l-integrità u r-reputazzjoni tal-isport u l-valuri tiegħu. Għaldaqstant, hu importanti li din il-problema tiġi indirizzata bl-aktar mod għaqli, sabiex l-isport jitgawda minn kulħadd, fl-aktar forma onesta tiegħu.

**Figure 5.2 Number of reported cases by corruption type**




*Source: Ecorys research*

**Figure 5.1 Number of reported cases per country in mapping research**




*Source: Ecorys research*

**Figure 5.3 Reported cases by sport**




*Source: Ecorys research*



# James Sultana jirbaħ it-Tazza Lauretana

L-Assoċjazzjoni ta' Għajnsielem Snooker temmet l-ewwel fażi tal-istaġun 2018-2019, fejn bħal kull sena jingħata bidu bil-Lauretana Cup u r-Ranking Top 16 Cup. Għal Lauretana Cup ipparteċipaw 34 plejer, fuq bażi ta' gruppi fl-ewwel fażi u mbagħad dawk li għaddew lagħbu fuq bażi ta' eliminazzjoni diretta. Il-Finali ta' dan l-istaġun intrebħet minn James Sultana b'rebħa komda ta' 5-1 kontra Christian Cauchi. Wara li Sultana għadda mill-ewwel rawnd, fil-fażi tal-gruppi huwa elimina lil Loreto Spiteri bil-punteġġ ta' 2 – 0. Fil-kwarti finali huwa rebaħ 3-2 lil Stephen Mamo, filwaqt li mbagħad għadda għal finali b'rebħa ta' 4-3 fuq Chris Muscat. Minn naħa l-oħra l-finalista l-ieħor Christian Cauchi beda biex elimina lil Jason Portelli bil-punteġġ ta' 3-1 u fl-istadju tal-gruppi ssupera 2-1 lil Nicholas Attard. Fil-kwarti finali huwa għeleb 3-1 lil Joseph Agius u daħal fil-finali b'rebħa ta' 4-1 fuq Joseph Schembri.

**Ranking Top 16 Cup**

Ir-Ranking Top 16 Cup hija kompetizzjoni fejn jintagħżlu is-sittax -il plejer biex jipparteċipaw fuq bażi ta' knockout. Il-finali kienet ikkontestata minn Joseph Attard u Christian Cauchi. Għall-finali ferm eċċitanti li kienet minn 15-il frame kellu jkun l-aħħar frame li jiddeċiedi r-riżultat ta' 8-7, b'Joseph Attard jirbaħ l-ewwel unur f'din l-Assoċjazzjoni. Biex wasal għal dan is-suċċess Attard għeleb 4-2 lil Larry Buttigieg u fil-kwarti finali elimina lil Joseph Xerri 5-1. Imbagħad fis-semi finali huwa ssupera 6-5 lil Anthony Scicluna. Il-finalist l-ieħor Christian Cauchi beda b'rebħa ta' 4-1 fuq Loretu Spiteri. Imbagħad elimina lil James Sultana 5-1 fil-kwarti finali u 6-5 lil Jason Portelli fis-semi finali.

Attwalment jinsabu għaddejjin fit-tieni fażi żewġ kompetizzjonijiet oħra dawk tas-St. Joseph Cup u l-kampjonat fejn dan hu maqsum f'erba' Kategoriji li kollha jiġu fi tmiemhom għall-bidu ta' Ġunju.



# Melo Zammit quddiem fl-autocross modified u Kyle Agius fil-kategorija standard

L-Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi waslet f'nofs is-sena tagħha fejn diversi Kampjonati Nazzjonali f'dan l-istaġun 2018/2019 diġa waslu nofs triq. Dan ifisser li l-ġlieda sportiva tkun fl-aqwa tagħha fejn nibdew naraw liema sewwieqa ser ikunu qed jersqu lejn titlu ta' champion f'dan l-istaġun. Wieħed minn dawn il-kampjonati huwa dak tal-Karozzi Autocross fejn f'din is-sezzjoni insibu tlett klassijiet Autocross Modified, Autocross Standard u Autocross Diesel fejn kollha huma sponsorjati mid-ditta Pasta Poiatti.

Ħarsa lejn is-sitwazzjoni wara seba' attivitajiet minn tnax ta' din is-sena, fil-Kampjonat Nazzjonali Autocross Modified qed naraw lil Melo Zammit fuq Opel Corsa fuq quddiem f'din il-klassi. Zammit matul dawn is-sebà attivitajiet irnexxilu jirbaħ żewġ attivitajiet, spiċċa darbtejn fit-tieni post, darbtejn fit-tielet post u darba fil-ħames post biex b'hekk jinsab fil-quċċata tal-klassifika b'150 punt, Zammit fadallu ħafna min jiġri warajh għal fatt li qiegħed f'din il-pożizzjoni b'vantaġġ minimu ta' 5 punti fuq l-avversarju tiegħu. Zammit bħalissa jinsab segwit minn Terence Azzopardi fuq Opel Corsa fejn matul dan l-istaġun sa issa rnexxilu jirbaħ tlett tiġrijiet, darbtejn oħra jispiċċa t-tieni, darba l-ħames u darba fis-seba' post, f'din ta' l-aħħar waslitu biex jinżel mill-quċċata tal-klassifika biex bħalissa jinsab wara Zammit b'145 punt. Fix-xena hemm ukoll Noel Zammit fuq Fiat Punto li wkoll għadu biċ-ċans li jkompli javvanza hekk kif bħalissa qed jokkupa t-tielet post fil-klassifika b'140, Noel matul dawn is-seba' kompetizzjonijiet għad m'għandux rebħa waħda, xorta waħda rnexxilu jispiċċa f'pożizzjonijiet tajbin f'din il-klassi fejn darbtejn daħal fit-tieni post, tliet darbiet fit-tielet post u fir-raba' post.

Mill-Kampjonat Nazzjonali Autocross Standard qed naraw taqtiegħa nteressanti bejn erba' kompetituri li kollha qegħdin b'vantaġġ minimu wara xulxin fejn bħalissa insibu l-iżgħar kompetitur f'din il-klassi li qiegħed fil-quċċata ta' din il-klassifika, Kyle Agius fuq Opel Nova li għandu sittax -il sena beda jagħmel it-triq għal dan it-titlu minkejja li għad fadal ħames attivitajiet. Agius irnexxilu jkabbar il-vantaġġ bir-rebħ tiegħu fl-aħħar żewġ attivitajiet li bħalissa għandu total ta' 32 punt. Hu jinsab segwit minn Nicovich Chircop fuq Peugeot 106 b'24 punt, filwaqt li fit-tielet post insibu lil Johann Vella fuq Opel Nova b'23 punt, fir-raba' post insibu lil Quin Camilleri fuq Citroen AX li wkoll jista ikun fix-xena f'dan l-istaġun fejn qed jokkupa din il-pożizzjoni b'22 punt. Mill-Klassi Autocross Diesel li għadha fil-bidu tagħha hemm parteċipant wieħed biss u qed nistennew li jkun hemm iktar kompetituri matul l-istaġun li ġej bit-tama li l-Assoċjazzjoni jkollha Kampjonat Nazzjonali ieħor għal din il-Klassi. Il-Kampjonati Nazzjonali Autocross ikomplu f'Mejju li ġej.

# RYAN FARRUGIA u TARA ABDILLA

## jirbħu r-raba' tellieqa u l-League




"L-atleti, kemm Maltin kif ukoll barranin isibu r-rotta ta' sfida iżda mhux impossibbli. Dan minħabba li d-distanza u l-gwadann ta' elevazzjoni li jridu jkopru huma adattati għall- atleti ta' livell għoli li qed ifittxu sfida partikulari kif ukoll għal atleti dilettanti li sempliċement jixtiequ jgawdu avveniment f'atmosfera tajba, kif ukoll l-aspett kulturali u storiku tar-rotta "spjega Warren Muscat, il-President Agones SFC fi tmiem it-tellieqa."

Il-ħalba xita li għamlet eżatt qabel il-bidu tal-aħħar tellieqa tat-Trail Running league, organizzat minn Agones SFC, waslet għall-kundizzjonijiet iktar diffiċli għall-146 atleta li ħadu sehem f'tellieqa mifruxa fuq 19-il kilometru. Minkejja li il-kundizzjonijiet kienu tajbin għall-parti l-kbira tat-tellieqa, ix-xita bil-qliel ħakmet lil bosta atleti lejn it-tmiem tat-tellieqa. Ir-rotta tal-Victoria Lines bdiet mill-Madliena u u kompliet lejn il-Lvant ta' Malta fejn spiċċat f'Fomm ir-Riħ. Ir-rotta ħadet l-atleti fuq rotta miżgħuda b'fortifikazzjonijiet storiċi u veduti mill-isbaħ flimkien ma' mogħdijiet li ma tantx huma magħrufa. Il-V19, kif inhi magħrufa fil-komunita' tat-trail running, iċċelebrat t-tmien sena tagħha u bħal fit-tlielaq l-oħra kollha rduppjat in-numru ta'parteċipanti.

Ryan Farrugia, (Raptorz Running Club), rebbieħ tat-tellieqa u l-kampjonat ġenerali, ikkummenta li l-ammont ta' xita li għamlet qabel il-bidu tat-tellieqa kawżat ir-rotta tkun tiżloq ħafna, speċjalment fl-inżul. Dan fisser li ħafna mill-atleti kellhom jagħmlu sforz ikbar biex iżommu l-bilanċ tagħhom. Farrugia kompla jispjega li din it-tellieqa hija waħda mill-favoriti tiegħu u ħa gost itellaq ma' Florian Gall, li żammu post flimkiem matul kważi it-tellieqa kollha.

Ir-rebbieħ tal-kategorija tan-nisa kienet għal darb'oħra Tara Abdilla (La Salle AC) li niżżlet isimha fuq il-kotba tal-istorja bħala rebbieħa assoluta matul il-kampjonat kollu, minkejja xi kompetizzjoni tajba mill-veterana Carmen Hili (St Patrick's AC). Fl-aħħar tat-tellieqa Abdilla spjegat li filwaqt li r-rebħa kienet xi ħaġa li ħadmet għaliha, il-mira tagħha kienet li tirreġistra ħin ta' inqas minn siegħa u ħamsa u tletin minuta. Abdilla fil-fatt rreġistrat ħin ta' siegħa u 33 minuta. Fit-tielet post daħlet Dzintra Grech.

Maria Vella Galea

# L-ewwel kampjonat tad-Dinja tal-Offshore Sailing ser isir f'Malta fl-2020



L-edizzjoni inawgurali tal-Kampjonat Dinji tal-Offshore Sailing se ssir f'Ottubru 2020 fil-Belt Valletta, flimkien mar-Rolex Middle Sea Race. Imħabbra fl-2017, il-Kampjonat Dinji tal-Offshore Sailing se jkun pjattaforma b'saħħitha biex tkompli tkabbar l-interess fl-ibburdjar u li tara nisa u rġiel jikkompetu flimkien fuq dgħajjes magħrufa bħala one design f'kompetizzjonijiet double handed. Il-Kampjonat Dinji tal-Offshore Sailing tal-2020 se jkun organizzat b'kollaborazzjoni mar-Royal Malta Yacht Club u mal-Federazzjoni dinjija tal-Ibburdjar – il-World Sailing.

Oriġinarjament ippjanata li sseħħ fl-2019, il-World Sailing posponiet l-avveniment b'sena, sabiex tiġi żviluppata sistema sħiħa ta' kwalifiki, li tippermetti biżżejjed opportunitajiet għall-Awtoritajiet Nazzjonali affiljati biex jikkwalifikaw u jippreparaw għall-avveniment. Il-Kampjonat se jkun kompetizzjoni mħallta (raġel wieħed, mara waħda) bejn in-nazzjonijiet, li fiha ser jkun hemm 20 dgħajsa. Miżmuma fl-istess żmien mar-Rolex Middle Sea Race, il-kompetituri jistgħu jkunu meħtieġa li jbaħħru l-korsa sħiħa jew korsa mnaqqsa skont il-kundizzjonijiet tat-temp. Mira importanti hija li jiġu ingaġġati pajjiżi ġodda għat-tbaħħir offshore billi jiġi pprovdut tagħmir lest għall-użu fil-post tal-avveniment kif ukoll dgħajjes li jkunu disponibbli għal charter fl-Ewropa għal taħriġ mis-sajf tal-2019.

Il-President tal-World Sailing, Kim Andersen, qal li "il-kampjonat Dinji tal-Offshore Sailing se jkun segwit mill-aqwa ekwipaġġi mħallta min-nazzjonijiet kollha u ser jkun rikonoxxut bħala waħda mill-kompetizzjonijiet ewlenin tat-tbaħħir offshore ta' żewġ persuni. Il-World Sailing qiegħed kontinwament ifittex li jipprovdi opportunitajiet fl-isport u l-kampjonat se jkun ugwali bejn is-sessi u jippermetti kemm l-irġiel kif ukoll lin-nisa jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jieħdu sehem fil-Kampjonat u lil hinn minnu. Il-Kampjonat tal-2020 huwa l-ewwel pass għal baħħara offshore li jaspiraw li jikkompetu fil-Logħob Olimpiku ta' Pariġi fl-2024 u qed nistennew prova iebsa għat-timijiet offshore magħrufa internazzjonalment. Ir-Royal Malta Yacht Club kisbet esperjenza eċċellenti fejn tidħol l-organizzazzjoni t'avvenimenti kbar tal-ibburdjar u ninsabu kuntenti li ser naħdmu magħhom għal dan l-ewwel avveniment importanti."

Minn naħa tiegħu, Godwin Zammit, Commodore tar-Royal Malta Yacht Club, ikkummenta li "ir-Rolex Middle Sea Race ilha toffri esperjenza eċċitanti għal eluf ta' baħħara mill-bidu tagħha aktar minn 50 sena ilu. Il-karattru u l-isfida tal-ibħra Maltin u l-isforzi tal-voluntiera tagħna jkomplu jagħmlu l-avveniment attraenti. Huwa ta' sodisfazzjon għalina li naħdmu mal-World Sailing u nospitaw żewġ avvenimenti prestiġjużi ma' xulxin. Dan jkompli jgħina nkabbru l-profil tal-isport tagħna. Aħna eċċitati li nospitaw l-ewwel Kampjonat Dinji tal-Offshore Sailing u nappoġġjaw il-World Sailing fl-isforzi tagħha."







# “Bil-Qari u l-Kitba Niskorja”

**Kif tinsabu għaddejjin bil-programm?**
Ninsabu fil-ħames ċiklu tal-programm tagħna. Din id-darba qegħdin naħdmu fi tnax-il ċentru madwar Malta u Għawdex: l-Isla, Bormla, ir-Rabat, l-Imtarfa, Birkirkara, Birżebbuġa, iż-Żejtun, l-Imġarr, Ħ'Attard, l-iskola medja tal-Blata l-Bajda, il-Qala Għawdex u Sliema Wanderers F.C. B'kollox għandna 112-il parteċipant. Innutajna li żdiedet il-konkorrenza femminili; fil-fatt għandna 21 tifla fil-programm bħalissa.

Sadanittant, ingħaqdet magħna t-tielet għalliema, Daniela Attard, li bħal-literacy leaders l-oħra, se tkun qed tgħin fil-qari gwidat u tagħti lezzjonijiet tal-qari.

**Tibdlu xi affarijiet minn ċiklu għal ieħor?**
Fit-tmiem ta' kull ċiklu, niltaqgħu u niddiskutu s-sessjonijiet tal-litteriżmu u tal-futbol bħala tim. Naraw x'ikun intgħoġob fiċ-ċikli ta' qabel u r-rispons li tawna l-parteċipanti, u nadattaw il-materjal tagħna. Dan l-eżerċizzju jgħinna nidentifikaw x'mar tajjeb u kif nistgħu ntejbu s-servizz tagħna ħalli nsaħħu l-programm għaċ-ċikli li jmiss. Nippruvaw nibnu fuq dak li nkunu għamilna; però nieħdu gost nużaw riżorsi u nippruvaw attivitajiet u materjal differenti. Pereżempju, inħobbu nużaw kotba u stejjer differenti għall-qari mgħajjat (read-aloud) biex nolqtu l-gosti u l-livelli differenti tal-parteċipanti żgħar tagħna.

Ċertu ħiliet nibqgħu ninsistu u naħdmu fuqhom fiċ-ċikli kollha, bħal pereżempju kif it-tfal għandhom jagħżlu ktieb tajjeb għalihom skont il-livell tagħhom, kif jiċċaraw ħsibijiethom, kif jistaqsu, jbassru, jiskimmjaw u jiskennjaw. Matul il-programm “Bil-Qari u l-Kitba Niskorja” ngħallmuhom ħiliet bażiċi u essenzjali li mhux biss iservuhom fil-logħba tal-futbol imma wkoll fil-ħajja. Għalkemm naħdmu fuq ħiliet differenti f'kull sessjoni, dejjem nimmiraw li








nżewqu l-futbol mal-ħila u l-imħabba lejn il-qari. Riċentament, fiċ-ċentru tal-Imġarr, it-tfal qraw silta minn Ghost Stadium, mill-pinna tal-awtur Ingliż Tom Palmer, dwar tliet subien li jmorru camping fi stadium antik tal-futbol li ngħalaq wara inċident ikrah. Wara li ddiskutejnieha flimkien, it-tfal irreċtaw is-silta u kitbu x'jaħsbu li se jiġri aktar `il quddiem fl-istess storja.



**Għandkom xi pjanijiet jew proġetti oħra għall-ġimgħat li ġejjin?**

Iva, bdejna s-sessjonijiet ta' darba ġol-iskejjel primarji ta' Malta u Għawdex li wrew interess f'din l-inizjattiva. F'din is-sessjoni, aħna nuru fil-qosor xi jsir u nagħtu togħma tal-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja". Dawn is-sessjonijiet qed iservu wkoll biex inħeġġu lit-tfal li jattendu jkomplu jaqraw. B'hekk qegħdin inkomplu nsaħħu l-għan tagħna li nżidu l-interess fil-programm sabiex dan jibqa' jinfirex u nilħqu aktar studenti.





# EURO 2020
## FAŻI TAL-GRUPPI TA' KWALIFIKAZZJONI

Ritratti Dominic Borg,
Christine Borg

# Malta tirbaħ wara 12-il sena
## u tikkuntenta b'telfa minima kontra Spanja

*Kontra Faroe Islands irbaħna għall-ewwel darba f'kompetizzjoni u ma' Spanja ġarrabna s-seba' telfa*

Ir-riżultati miksuba minn Malta fl-ewwel logħbiet mill-fażi tal-gruppi ta' kwalifikazzjoni kienu riżultati imħallta imma b'aspett pożittiv iktar minn negattiv. Ir-rebħa ta' 2-1 kontra Faroe Islands intlaqgħet tajjeb għax kienet l-ewwel waħda kompetittiva miksuba minn Malta fuq dan il-pajjiż tamparna imma wkoll għaliex mir-rebħa ta' 2-1 kontra l-Ungerija tal-11 ta' Ottubru 2006 għaddew 12-il sena. Kontra Spanja ġarrabna s-seba' telfa minn seba' logħbiet imma t-telfa kienet waħda minima ta' 2-0.

Ir-rebħa ta' Malta kontra Faroe Islands kienet waħda diffiċli għaliex ksibniha bi player anqas għax tkeċċa Andre' Agius fl-azzjoni tal-penalty kontrina u wara li l-goalkeeper Henry Bonello ħtieġlu jsalva penalty meta l-iskor kien għadu 1-1. Għat-tim Malti kienet rebħa ta' kuraġġ kbir tliet ijiem qabel Malta laqgħbet ma' Spanja. Il-kowċ Ray Farrugia kien f'ewforija kbira. Il-gowls ta' Malta skurjawhom Kyrian Nwoko u Steve Borg bl-ewwel goal tiegħu għal Malta minn penalty biex għamel l-iskor 2-0. Faroe Islands skurjaw il-gowl tagħhom fit-93 minuta.

Il-logħba kontra Spanja li tant bżajna minnha għaddiet b'wiċċ il-ġid ukoll u fraħna għaliex tlifna 2-0. F'logħba li ddefendejna tul id-90 minuta li ma tajnix xutt wieħed lejn il-lasta ta' Spanja. Id-debutt kompetittiv tal-goalkeeper ta' Chelsea Kepa kien wieħed kwiet ħafna u ma kellux għalfejn jaħli ilma biex jieħu doċċa fi tmiem il-logħba.

Il-folla ta' 16,000 spettatur kienet kuntenta li Spanja ma skurjajtx kemm riedet u dan kien mertu tal-goalkeeper Bonello li wettaq għadd ta' saves deċisivi. It-tim Spanjol kien wieħed mibdul minn



dak li nafu s-soltu u dan għax ħafna mill-players li jagħmlu t-tim Spanjol aktar qawwi jew tħallew spettaturi fuq il-bank jew ma kienux fl-iskwadra tal-kowċ għal din il-logħba. Biżżejjed insemmu li mit-tim leader tal-kampjonat Spanjol Barcelona lagħab biss player wieħed. Żgur li matul il-kompetizzjoni t-tim Spanjol ikun iktar qawwi. Għaldaqstant irridu nħossuna fortunati li kmieni fil-kompetizzjoni l-Ispanjoli għażlu li jesperimentaw.

Żgur li Spanja fittxet rebħa ta' aktar minn żewġ gowls u għax ma rnexxilhomx il-midja Spanjola qalet li rebħet lil Malta bit-tim B. Id-diżappunt ta' ħafna Maltin partitarji ta' Man Utd kien li ma rawx lill-aqwa goalkeeper tad-dinja David De Gea jilgħab għax tħalla sostitut. Quddiem dan ix-xenarju il-kowċ Malti Ray Żażu Farrugia ma qagħdtx lura milli jesperimenta wkoll u jdaħħal aktar players żgħażagħ promettenti minkejja li kontra l-Faroe ried rebħa bilfors u kontra Spanja ma beżax jieħu r-riskju u jilgħab bi players b'talent għall-futur ta' dan it-tim. Wara li kull tim fil-grupp lagħab żewġ logħbiet, grupp li jinkludi wkoll lin-Norveġja, l-Iżvezja u r-Rumanija, Malta qegħda fir-raba' post u mhux fl-aħħar kif inkunu s-soltu bi prospetti li nistgħu nirbħu aktar punti u ma nkunux aħna li nispiċċaw fl-aħħar post tal-grupp. Spanja qed tillidja l-grupp b'punti massimi. Il-logħbiet li Malta jmissha tilgħab f'Ġunju se jkunu l-ewwel loqħbiet barra minn xtutna kontra l-pajjiżi Skandinavi tan-Norveġja u l-Iżvezja.

Minbarra Spanja timijiet oħrajn li bdew tajjeb kienu ċ-champions tad-dinja Franza, l-Ingilterra, l-Italja u l-Ġermanja. Dawn it-tnejn tal-aħħar qed jirkupraw mid-disfatti li kellhom fit-Tazza tad-Dinja u l-UEFA Nations League. Il-Kroazja finalisti fl-aħħar Tazza tad-Dinja ma bdewx tajjeb.

## L-EWWEL RIŻULTATI KIENU DAWN;

| **Grupp A** | |
|---|---|
| Ingilterra v Rep. Ċeka | 5-0 |
| Bulgarija v Montenegro | 1-1 |
| Montenegro v Ingilterra | 1-5 |
| Kosovo v Bulgarija | 1-1 |

| **Grupp B** | |
|---|---|
| Portugall v Ukrajna | 0-0 |
| Lussemburgu v Litwanja | 2-1 |
| Portugall v Serbja | 1-1 |
| Lussemburgu v Ukrajna | 1-2 |

| **Grupp Ċ** | |
|---|---|
| Olanda v Belarus | 4-0 |
| Irlanda ta Fuq v Estonja | 2-0 |
| Olanda v Ġermanja | 1-2 |
| Irlanda ta' Fuq v Belarus | 2-1 |

| **Grupp D** | |
|---|---|
| Ġeorgja v Żvizzera | 0-2 |
| Gibilta' v Irlanda | 0-1 |
| Irlanda v Ġeorġja | 1-0 |
| Żvizzera v Danimarka | 3-3 |

| **Grupp E** | |
|---|---|
| Kroazja v Azerbaijan | 2-1 |
| Slovakkja v Ungerija | 2-0 |
| Ungerija v Kroazja | 2-1 |
| Wales v Slovakkja | 1-0 |

| **Grupp F** | |
|---|---|
| Żvezja v Rumanija | 2-1 |
| Spanja v Norveġja | 2-1 |
| Malta v Faroe Islands | 2-1 |
| Norveġja v Żvezja | 3-3 |
| Rumanija v Faroe Islands | 4-1 |
| Malta v Spanja | 0-2 |

| **Grupp G** | |
|---|---|
| Iżrael v Slovenja | 1-1 |
| Maċedonja v Latvja | 3-1 |
| Awstrija v Polonja | 0-1 |
| Slovenja v Maċedonja | 1-1 |
| Iżrael v Awstrija | 4-2 |
| Polonja v Latvja | 2-0 |

| **Grupp H** | |
|---|---|
| Andorra v Islanda | 0-2 |
| Moldova v Franza | 1-4 |
| Albanija v Turkija | 0-2 |
| Turkija v Moldova | 4-0 |
| Andorra v Albanija | 0-3 |
| Franza v Islanda | 4-0 |

| **Grupp I** | |
|---|---|
| Kazakstan v Skozja | 3-0 |
| Ċipru v San Marino | 5-0 |
| Belġju v Russja | 3-1 |
| San Marino v Skozja | 0-2 |
| Kazakstan v Russja | 0-4 |
| Ċipru v Belġju | 0-2 |

| **Grupp J** | |
|---|---|
| Italja v Fillandja | 2-0 |
| Liechtenstein v Greċja | 0-2 |
| Bożnja Herżegovina v Armenja | 2-1 |
| Italja v Liechtenstein | 6-0 |
| Bożnja Herżegovina v Greċja | 2-2 |
| Armenja v Fillandja | 0-2 |

Fiż-żewġ logħbiet li lagħbet Malta l-formazzjonijiet kienu dawn:

**2 MALTA (1)**

Henry Bonello, Jonathan Caruana, Steve Borg, Andrei Agius, Matthew Guillaumier, Joseph Mbong, Paul Fenech, Michael Mifsud (71' Joseph Zerafa), Kyrian Nwoko, Rowen Muscat (85' John Mintoff), Juan Corbalan (63' Zach Muscat)

**1 FAROE ISLANDS (0)**

Gunnar Nielsen, Viljormur Davidsen, Atli Gregersen, Hallur Hansson, Brandur Hendriksson, Gilli Rolantsson, Solvi Vatnhamar (68' Kaj Bartalsstovu), Rogvi Baldvinsson (79' Arni Fredriksberg), Odmar Faero, Rene Joensen (72' Klaemint Olsen), Jakup Thomsen)

**Referee:** Vilhjalmur Torarinsson (Islanda)

**Assistant Referees:** Gyilfi Mar Sigurdsson, Birkir Sigurdarson (Islanda)

**Fourth Official:** Ivar Orri Kristjansson (ISL)

**Karti Sofor:** Joensen, Nwoko, Borg, Bartalsstovu, Bonello, Rolantsson, Hansson

**Karti Ħomor:** 62' Andrei Agius

**Attendenza:** 7,531

**0 MALTA**

Henry Bonello, Jonathan Caruana (85' Karl Micallef), Steve Borg, Matthew Guillaumier, Joseph Mbong (65' Rowen Muscat), Paul Fenech, Kyrian Nwoko, Juan Corbalan, John Mintoff (69' Michael Mifsud), Joseph Zerafa, Zach Muscat

**2 SPANJA (1)**

Kepa Arrizabalaga, Jose Gayà, Saúl Ñíguez (65' Jesús Navas), Alvaro Morata (79'Rodrigo), Marco Asensio, Sergio Canales, Mario Hermoso, Juan Bernat (56' Iker Muniain), Sergio Ramos, Rodri, Sergi Roberto

**Referee:** Andrew Dallas (Skozja)

**Assistant Referees:** Francis Connor, Daniel McFarlane (Skozja)

**Fourth Official:** Kevin Clancy (Skozja)

**Karti Sofor:** Corbalan (Malta)

**Attendenza:** 16,542



# Floriana jirbħu d-derby kontra l-ġirien Valletta

## STAĠUN 1965/66

**23-10-1965: Floriana FC – Valletta FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: L. Borg (F) 49' u N. Chircop (F) 89'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Attendenza: 1,700**

**Floriana FC:** Tony Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Joe Grima, Frankie Micallef, Lolly Debattista, Edward Azzopardi, Charles Buttigieg (Salvu Borg 46'), Lolly Aquilina, Nenu Chircop, Lolly Borg, Hugh Caruana.

**Valletta FC:** Ċensu 'Tal-Morning Star' Borg Bonaci, Joe Bugeja, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Eddie 'Tat-Totty' Vella, Tony Calleja (Joe Cutajar 80'), Josie Urpani, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Frankie Zammit, Charles Zarb (Tony Connor 46').

1. Din kienet l-ewwel dehra ta' Floriana wara t-telfa ta' 8-0 fil-Ġermanja kontra Borussia Dortmund fit-Tazza tat-Tazzi. Il-Furjana kienu għamlu żewġ bidliet minn dak it-team li tilef fil-Ġermanja meta Tony Cauchi kien sospiż għal-logħob tal-kampjonat filwaqt li Żarenu Alamango baqa' f'Dortmund fejn kien stazzjonat għal sena mal-Armata. Minbarra Alamango, Floriana kienu qed jilgħabu wkoll mingħajr Freddie Vella James li anke hu kien jinsab imsiefer mas-Sappers fuq kors mal-Armata f'Ċipru.
2. Fil-fatt Tony Cauchi kien ġie sospiż għal żewġ logħbiet mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara li kien involut fl-argument ma' Salvu Bonnici u kkaġuna l-abbandun tal-pre-season friendly bejn Sliema u Floriana (1-1). Fi friendlies oħra ta' qabel il-kampjonat Floriana kienu ġarrbu telfa ta' 2-0 kontra l-istess Sliema Wanderers filwaqt li għelbu lil Gżira United 5-0 fit-3 t'Ottobru b'żewġ goals ta' Lolly Aquilina u goal kull wieħed minn Hugh Caruana, Żarenu Alamango u Salvu Borg.
3. Charlie Zammit, ex-player ta' Birkirkara u Ħamrun Spartans, iddebutta ma' Valletta FC filwaqt li Josie Urpani irritorna fit-team Belti wara li rranga d-differenzi li kellu mall-club. Huwa kien ilu nieqes mis- 6 ta' Diċembru 1964 meta dak in-nhar Valletta kienu għelbu lil Gżira United 3-0.
4. Floriana akkwistaw lil Nenu Chircop, ex-player ta' Birkirkara u Valletta FC. Fl-istaġun ta' qabel Chircop kien lagħab tliet logħbiet ma' Rabat FC qabel ma telaq 'il barra f'nofs it-telfa ta' 13-0 kontra Valletta tat-22 ta' Novembru 1964 u ma lagħbx iktar f'dak l-istaġun.
5. Matul it-trasferimenti tas-sajf Floriana kienu akkwistaw lil Alfred Debono 'Il-Paper' mingħand Sliema Wanderers, lil Alfred Dymond mingħand Melita, lil Salvu Borg mingħand Lija Athletics u ż-żewġ goalkeepers Charles Zerafa li fl-istaġun ta' qabel kien lagħab ma' Rabat u Tony Borg li akkwistawh mingħand Hibernians FC. Tony Borg kien tilef postu fit-team tar-Reserves ta' Hibernians meta l-Pawlisti bdew jilgħabu lil ħuh Louis Borg.
6. Roy Swift u Twanny Sultana ta' Floriana sieħbu clubs tat-Tieni Diviżjoni. Swift ngħaqad ma' Melita FC filwaqt li Sultana sieħeb lil Lija Athletic. Sultana kien għoddu ngħaqad ma' Balzan Youths iżda ma ftehmux fuq il-prezz ta' £40. L-aħħar partita ta' Sultana ma' Floriana kienet fl-ewwel logħba tal-istaġun ta' qabel f'Ottubru 1964.
7. Valletta kienu tilfu lill-goalkeeper Stivala minħabba li dan kien daħal mal-Korp tal-Pulizija u lil Pawlu Gauci 'Iċ-Ċorma' li fil-5 t'Ottubru emigra lejn l-Awstralja.
8. Minn naħa ta' Valletta fil-friendlies ta' qabel il-kampjonat huma kienu għelbu lil Birkirkara 4-1 fil-25 ta' Settembru b'hat trick ta' Frankie Zammit u goal ta' Tony Calleja, fit-3 t' Ottubru kienu ġew draw ta' 1-1 kontra Qormi bi Frankie Zammit jikseb id-draw għal Valletta wara li George Baldacchino kien skorja għal Qriema filwaqt li fid-9 t'Ottubru kienu ġarrbu telfa ta'

4-1 kontra Hibernians b'Charlie Zammit jiskorja kmieni fil-partita għal Valletta.

9. Fl-24 ta' Settembru l-coach Furjaniż Danny Williams kien irriżenja mill-kariga. Minfloku l-kumitat ħatar lil veteran Lolly Borg u Lolly Debattista bħala player-coaches. Fil-perjodu sakemm inħatru Borg u Debattista, it-training tat-team Furjaniż tmexxa minn Staff Sergeant Bayes.
10. Valletta FC ħatru coach ġdid meta kienu that il-gwida ta' P.T.I kwalifikat Mr. Lestier. Is-Sur Karm Borg, li kien mexxa lit-team Belti f'dawk l-aħħar snin kien irrizenja mill-kariga minħabba raġunijiet personali. Sadanittant il-player tagħhom Joe Attard, li kien regolari mar-Reserves, fit-30 ta' Settembru wasal lura Malta minn Leeds fl-Ingilterra fejn kien attenda għal kors ta' sena fil-Physical Education f'Carnegie College. Aktar tard Joe Attard kellu karriera ta' suċċess bħala coach.
11. Din il-partita ntlagħbet f'riħ qawwi li għamel il-kontroll tal-ballun diffiċli. Fil-fatt matul il-kampjonat ftit ftit kulħadd beda jinduna li f'Manoel Island jaħkem riħ qawwi minn kullimkien b'differenza mill-Gżira Stadium tefa' ta' ġebla 'l bogħod li iżda kellu jilqagħlu l-bini tal-madwar.
12. L-ex player ta' Valletta 'Dwinu' Schembri fit-13 ta' Settembru 1965 sieħeb lit-team ta' raħal twelidu Little Rainbows ta' Ħal Tarxien bħala player-coach. Schembri kien beda l-karriera magħhom qabel sieħeb lil Hibernians bl-amalgamazzjoni tal-1947.

**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC u Floriana FC 2 pti.; Hibernians FC u Birkirkara FC 1 pt.; Valletta FC u Ħamrun Sp. FC FC 0 pti.

**L-Aqwa Skorers:** J. Bonett (Sliema Wdrs. FC) 2 goals.

**KUNDIZZJONIJIET TAL-ISTADIUM MANAGEMENT LILL-MFA**

Dawn kienu l-kundizzjonijiet li l-Istadium Management impona fuq l-MFA u li fuqhom baqa' qatt ma ntlaħaq qbil.

1. L-ispejjeż tal-Pulizija jitħallsu mill-MFA
2. Ma jingħatawx iktar Complimentary Tickets
3. L-uniċi nies li kienu ser jidħlu b'xejn fil-ground kienu l-players tat-team li jkunu ser jilgħabu dak in-nhar, bil-coach u r-reserves, u sa tliet memberi tal-Kumitat. L-oħrajn biex jidħlu jridu jħallsu.
4. Il-Grant ta' £500 lill-clubs tinbidel u ssir skond l-attendenza. Jekk fi staġun jattendu 120,000 persuna għall-football fl-Istadium il-clubs jieħdu £200 kull wieħed; jekk jattendu 130,000 persuna jieħdu £300 u jekk tintlaħaq iċ-ċifra ta' 150,000 fl-attendenza l-clubs jingħataw ££500.

Talba mill-MFA lill-Gvern sabiex jinbena ground ġdid fil-Marsa ma ġietx aċċettata. Minkejja li l-proprjeta' kienet tal-Gvern Malti din kienet għadha qed tiġi użata mis-Servizzi Ingliżi li kienu qed iħallsu kera bil-għoli biex jibqgħu jagħmlu użu minnha.

---

**AĦBARIJIET**

Fit-8 ta' Settembru 1965 is-Segretarju tal-MFA Eddie Baldacchino kien mar Hamburg ghal konferenza tal-UEFA li kella tibda ġurnata wara.

Fl-24 ta' Settembru 1965 ir-referee Turu Lentini flimkien mal-linesmen Joe Cassar Naudi u Ritchie Casha ħallew Malta fi triqthom lejn Ċipru biex jikkontrollaw il-partita tat-Tazza tat-Tazzi bejn Omonia Nicosia u Olympiakos li kellha tintlagħab jumejn wara.

Fit-30 ta' Settembru 1965 fuq il-ġurnal L-Orizzont tħabbar li players ta' Borussia Dortmund ġew avviċinati minn xi persuni f'Malta biex jinxtraw fil-partita tat-Tazza tat-Tazzi kontra Floriana. L-attentat ta' korruzzjoni sar fil-lejl tat-Tlieta 28 ta' Settembru bil-players Ġermaniżi jirrapurtaw il-każ. Il-club Furjaniż ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan l-attentat. Il-ġurnal irraporta li t-tifel ta' persuna għolja f'Malta kien fost dawk li avviċina lill-players ta' Borussia.

Fil-31 t'Ottubru 1965 fil-partita tat-Tieni Diviżjoni bejn Qormi u Melita li għaliha kienu preżenti l-President u s-Segretarju tal-MFA, il-membru tal-kumitat ta' Melita Jimmy Micallef Eynaud ġie msawwat minn xi partitarji ta' Qormi wara li kien qed jieħu ħsieb partitarju ta' Melita li wkoll ġie msawwat. Austin Zammit, membru ieħor tal-Kumitat ta' Melita, ġie mkeċċi mill-ground wara li beda jilmenta b'vuċi għolja fuq in-nuqqas ta' sigurta li kien hemm fil-ground ta' Manoel Island.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# SPOT THE BALL

## u irbaħ Flokk ta' Juventus




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.

Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2019 Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.

Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Juventus ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 144

Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 144 huwa:
**Kalcidonio Galea - Għargħur**



# TISLIBA



### MIMDUDIN

1) Il-coach attwali ta' Atlético Madrid (5,7)
8) u 16) u 22) Dhëmbi, lagħab 3 partiti ma' l-Albanija fl-2002 (6)
9) Morgan, midfielder offensiv attwali ta' Everton u Franza (12)
10) Football Club (1,1)
11) "Sociedad Deportiva .....", club attwali f'La Liga (5)
12) Eike, ex goalkeeper ta' Borussia D. u l-Ġermanja tal-Punent (5)
13) Volkan, ex wing-back ta' Galatasaray u t-Turkija (5)
16) Ara 8 Mimdudin
17) Klodian, 77 partita u 6 goals għall-Albanija (4)
18) Rafa, attakkant Spanjol ta' Wolves misluf lil Las Palmas (3)
19) Jaap, ex difensur robust ta' Lazio, Milan u Ajax (4)
22) Ara 8 Mimdudin
23) Wilkinson, lagħbet 180 partita għal Kanada 2003-2016 (5)
24) Olaf, 471 parita u 96 goals għal Bayern M. u Schalke 04 (4)
25) Ricardo, difensur attwali ta' Haiti (3)
27) Ferguson, min aktar? (4)
31) Joe, 170 partita għal Leeds u 52 għal li Skozja (6)
32) Ole Gunnar, l-eroj attwali ta' Old Trafford (9)
33) Andrew, midfielder offensiv attwali ta' Gzira Utd FC (5)
36) Manuel Francisco dos Santos, fenominu Brażiljan fis-snin 50/60 (8)

### WEQFIN

1) Fortuna, club fil-Bundesliga imwaqqaf fl-1894 (10)
2) Luis María, difensur ta' Athletic Bilbao u Spanja fis-snin 60/70 (10)
3) David, 558 partita fil-qalba tad-difiża ta' Arsenal FC (1'5)
4) Joel, difensur ċentrali attwali tal-Estonja (10)
5) Juárez, righl-back allwali tal-Messiku (6)
6) Steven, midfielder offensiv attwali ta' li Skozja (8)
7) Overmars, 86 partita u 17 il-goal għall-Olanda (4)
10) Club rinomat li jilgħab fil-Campeonato Brasileiro Série A (10)
14) u 15) Rohidan, midfielder attwali tal-Malażja (4)
15) Ara 14 Weqfin
20) FC ... Strassen, club fil-Lussemburgu imwaqqaf fl-1922 (3)
21) Coady, difensur attwali ta' Wolves (5)
26) Stankovic, rebbieħ tat-Triplete ma' Inter fl-2010 (5)
27) Daniel, midfilder tal-Ghana b'27 partita 1994-2000 (4)
28) ".. Liga" (2)
29) Il-"Giallorossi" tal-Italja (4)
30) Marvin, difensur attwali ta' Martinique (4)
31) Jiří, referee Ċekoslovakk fil-Fifa WC 2010 (4)
34) u 35) Peter Briegel, ex left-back ta' Verona u Sampdoria (4)
35) Ara 34 Weqfin

## Soluzzjoni - Ħarġa nru 144

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | M | I | L | I | A | N | O | S | A | L | A | | G |
| | A | | E | | K | | R | | L | | L | E | O |
| M | I | L | I | N | K | O | V | I | C | | D | | R |
| | N | | P | | A | L | I | | A | B | E | I | D |
| P | E | Z | Z | E | Y | | N | E | C | | R | | O |
| | R | | I | | N | | | G | E | R | S | O | N |
| B | O | O | G | A | A | R | D | | R | | H | | B |
| | A | | | A | K | E | | T | | K | O | P | A |
| E | D | W | I | N | | D | I | R | K | | T | | N |
| R | | I | | H | | M | | E | | M | | S | K |
| D | O | B | R | O | V | O | L | S | K | I | | A | S |
| I | | R | | L | | N | | O | | K | U | N | |
| N | | A | L | T | I | D | O | R | E | | W | | |
| C | A | N | | | G | | R | | L | E | E | D | S |

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta - Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 143: **N. Fenech - Sliema**

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju 2019:
**Sportiv Magazine**
**Kompetizzjoni Tisliba,**
**c/o A41, Marsa**
**Industrial Estate,**
**Marsa MRS3000.**



**SUNGLASSES:** POLAR - CEBE **DAYSOFT UV:** ONE DAY DISPOSABLE CONTACT LENSES

**ONE HOUR SERVICE**

**OPEN ALL DAY**
AT G'MANGIA
Mon-Fri: 0830hrs - 1930hrs
Sat: 0830hrs - 1230hrs

THE CATHEDRAL OPTICAL

| | | | |
|---|---|---|---|
| G'MANGIA | 2122 6020/3 | NAXXAR | 2143 1152 |
| | 2122 8370 | B'BUGIA | 2142 1976 |
| FGURA | 2167 3332 | ZEBBUG | 2167 3332 |
| ZEBBUG | 2146 5768 | RABAT | 2145 0845 |
| MQABBA | 2748 7582 | LUQA | 2189 5248 |
| B'KARA | 2149 0213 | ATTARD | 2141 8315 |
| QORMI (PINTO OPTICIANS) | 2148 8950 | SAN GWANN | 2138 3947 |

adidas asics Babolat diadora HIGH POWER LEONE SINCE 1947 macron

TEAMSPORT

Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara

Reebok speedo molten Sixtus McDAVID UNDER ARMOUR TYR


©UEFA
#FORTHELOVEOFIT #FORTHELOVEOFIT #FORTHELOVEOFIT
COUPE DES CLUBS CHAMPIONS EUROPÉENS
PLAY & WIN
pepsi
0,5L
PLAY & WIN
WIN TICKETS TO THE UEFA CHAMPIONS LEAGUE FINAL MADRID 2019
AND SEMI-FINAL TICKETS AND OTHER FOOTBALL PRIZES! T&C's apply.
www.pepsifootball.com.mt
FOR THE LOVE OF IT
UEFA CHAMPIONS LEAGUE
pepsi
PROUD PARTNER